NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

Nru. 109 Jannar - Marzu 2023

## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURA LILL-ANZJANI U L-QRABATHOM KOLLHA SENA ĠDIDA MIMLIJA RISQ, HENA, SAĦĦA, PAĊI U PROSPERITÀ




F'din l-edizzjoni...



4
**Prof. George Buttiġieġ**
*Intervista minn Nazju Abela*



8
**Dr. Karmenu Mifsud Bonnici**
*Apprezzament*



# Premju Anzjanità Attiva 2022

*Stqarrija mill-Uffiċju tal-President*



"L-esperjenza u l-għarfien tal-anzjani huma ta' valur imprezzabbli u l-anzjanità għandna narawha b'lenti pożittiva." Stqarr dan il-President ta' Malta, Dr George Vella waqt is-serata, 'Premju Anzjanità Attiva' li fissirha bħala okkażjoni li, matulha, niċċelebraw il-kwalitajiet u s-sehem siewi tal-anzjani fis-soċjetà.

Din is-sena, bħala *slogan* għal Jum Internazzjonali tal-Anzjani, in-Nazzjonijiet Uniti għażlet it-tema, ‹Ir-reżiljenza tal-anzjani f›dinja li qiegħda dejjem tinbidel›, b›enfasi partikolari fuq il-kontribut tan-nisa anzjani kif ukoll l-anzjani bħala kontributuri attivi fit-tibdil fil-klima. Il-President spjega kif l-attività tal-anzjani fil-qasam akkademiku, sportiv, kulturali u interġenerazzjonali juri biċ-ċar l-importanza li l-anzjani jibqgħu membri attivi fis-soċjetà.

"Dan jagħmel ġid lill-persuna anzjana billi tħossha parti mill-kommunità. Fl-istess ħin, bl-attività tagħha, tkun qed tagħti kontribut dirett fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiż u anki fil-ħarsien tal-ambjent," żied jgħid il-President.

Matul id-diskors tiegħu, il-President fisser kif anzjan attiv u indipendenti jissarraf f'kuntentizza li tgħin mhux ftit is-saħħa, kemm fiżika kif ukoll mentali, tal-individwu. Stqarr li kemm l-esperjenza kif ukoll l-għarfien tal-anzjani huma ta' valur imprezzabbli. Qal li dan jgħodd ukoll għal dawk l-anzjani li jibqgħu jaħdmu wara l-età tal-irtirar għax it-tagħlim li jistgħu jipprovdu lill-impjegati iżgħar minnhom huwa wiesa'. Il-President appella biex l-għarfien ta' dawk akbar fl-età ma jintilifx u ma jitwarrabx.



Filwaqt li rrikonoxxa li, kulma jmur, il-popolazzjoni ta' pajjiżi żviluppati qiegħda dejjem tikber fl-età, il-President semma l-importanza li jkollna pajjiż fejn il-pensjonijiet u l-qasam tas-saħħa u l-kura fil-komunità jitqiesu essenzjali biex kull anzjan jingħata d-dritt ta' kwalità ta' ħajja xierqa u dinjituża.

Huwa feraħ lis-Sinjura Betty Berry, rebbieħa tal-Premju Anzjanità Attiva, li kienet deskritta bħala waħda mill-iżjed voluntiera attivi li hemm ġewwa l-gżira Għawdxija fejn għandu x'jaqsam is-salvataġġ u rrijabilitazzjoni ta' annimali li jgħixu fis-salvaġġ. Dan filwaqt li, meta faqqgħet il-gwerra fl-Ukrajna, Betty ħadet ħsieb ukoll żewġ familji għal sitt ġimgħat sħaħ sakemm sabitilhom kenn f'Għawdex.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, Dr Jo Etienne Abela, qal li l-attività organizzata fil-Jum Dinji tal-Anzjani hija maħsuba biex tiċċelebra lill-anzjani li, bid-dedikazzjoni, bl-impenn u bix-xogħol tagħhom, jgħinu anzjani oħrajn jibqgħu attivi.




Ir-rebbieħa kollha huma dawn. Premju Anzjanità Attiva, **is-Sinjura Betty Berry**; Premju Anzjanità Sportiva, **is-Sur James Evans**; Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali, **is-Sur Henri Diacono**; Premju Anzjanità Akkademika, **il-Professur Victor Mallia Milanes**; u l-Premju Anzjanità Kulturali, **is-Sur John Vella**.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Josiah Grech,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Nazju Abela

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Manuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Ass. U.R.P.:**
Josiah Grech

**Membri:**
Alfred Mallia
Louise Azzopardi
Mary Mangion
Frank Mumford

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# EDITORJAL



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ħbieb anzjani, insellmilkom

Kulħadd jaf li, minkejja l-wiċċ melankoniku tiegħu, il-magħruf Charlie Chaplin kien attur komiku *per eccellenza*. Kien kapaċi jifqgħek bid-daħq mingħajr ma jlissen ebda kelma. Kien attur bravissimu għax, mhux biss kien kapaċi jnissel tbissima, imma kien anki kapaċi jislet xi demgħa wkoll, bħalma għamel bosta drabi fil-ħafna *films* li ħadem matul il-karriera ċinematografika twila tiegħu. Imma, barra milli kien attur komiku brillanti, Chaplin kien ukoll *filmmaker, script-writer,* direttur u *producer,* kompożitur mużikali u anki kien jagħmel l-*editing* tal-*films* tiegħu huwa stess. Forsi li mhux kulħadd jaf huwa li Charlie Chaplin kien ukoll bniedem għaref li, matul ħajtu, għamel ħafna stqarrijiet li fihom ħafna x'wieħed jomgħod.

Charlie Chaplin twieled Londra fis-16 t'April tal-1889 u ħalla din id-dinja fil-Milied tal-1977 fl-età ta' tmienja u tmenin sena. Fost legati oħrajn, huwa ħallielna erba' messaġġi importanti. L-ewwel wieħed huwa li, fid-dinja, xejn mhu għal dejjem; lanqas il-problemi tagħna. It-tieni jgħid li hu kien iħobb jimxi fix-xita għax, b'hekk, ħadd ma kien jinnotalu d-dmugħ nieżel. It-tielet huwa li, l-iktar jum moħli fil-ħajja huwa dak li fih ma jirnexxilniex nidħqu ftit. Ir-raba' messaġġ ta' Charlie Chaplin jgħidilna li l-aqwa sitt tobba fid-dinja huma: ix-xemx, il-mistrieħ, l-eżerċizzju, il-modestja, ir-rispett lejna nfusna u l-ħbieb ta' veru.

Imxi ma' dawn in-normi fl-istadji kollha ta' ħajtek u għandek tgħix ħajja f'saħħitha. Apprezza l-affarijiet sbieħ tal-ħajja li, ħafna drabi, huma bla ħlas. Meta tieħu n-nifs, tkun qed tixrob mill-ispirtu divin tal-ħajja. Meta tħares lejn il-qamar, tilmaħ is-sbuħija t'Alla. Meta tara x-xemx, tara l-qawwa t'Alla. Meta tara lilek innifsek fil-mera, tara l-isbaħ kreatura li ħalaq Alla. Emmina din! Aħna kollha turisti hawnhekk. Alla huwa t-*travel agent* tagħna li diġà ddetermina r-rotot li ser ngħaddu minnhom, għamel il-*bookings* u ffissa d-destinazzjoni tagħna. Emmen fih u ħu pjaċir bil-ħajja. Il-ħajja hija sempliċi vjaġġ. Mela, għix kull mument ta' ħajtek illum għax il-ħajja hija sabiħa. Ilbieraħ għadda u mar u għada ħadd ma raħ.

Jien, la jien xi qaddis u lanqas jien xi predikatur. Qatt ma kont u lanqas nippretendi li nkun. Imma, meta niltaqa' ma' messaġġ sabiħ u tajjeb, nagħrfu, napprezzah u nkun nixtieq naqsmu magħkom. Wara kollox, bħalma nħobb ngħid, din mhijiex biss kwistjoni ta' reliġjon imma hija wkoll mod kif ngħixu f'armonija sħiħa magħna nfusna u mal-oħrajn. Dan għax, iktar ma naċċettaw lilna nfusna kif aħna u iktar ma nikkuntentaw b'dak li għandna, iktar ngħixu ħajja trankwilla. U, iktar ma ngħixu ħajja trankwilla, iktar ngħixu ħajja ferrieħa. U, iktar ma ngħixu ħajja frerrieħa, iktar nghixu ħajja twila; bħal Charlie Chaplin!

Mela darba, Charlie Chaplin irrakonta ċajta tajba lill-udjenza li kellu quddiemu u kulħadd daħaq bil-qalb. Meta d-daħq beda jbatti, Chaplin reġa' rrakonta l-istess ċajta imma, din id-darba, ftit biss minn dawk li kienu qed jisimgħuh daħqu. U Chaplin reġa' rrepeta l-istess ċajta għat-tielet darba imma, tista' tgħid, issa, ħadd ma daħaq. Imbagħad, il-kbir Charlie Chaplin għaddielna dan il-messaġġ ferm importanti: "Jekk ma nistgħux nidħqu għall-istess ċajta iktar minn darba, għaliex għandna nibku għal aktar minn darba għall-istess għawġ?"

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Nazju Abela f'intervista mal-E.T. il-Professur Dr George Buttiġieġ, *Ġinekoloġu, Kittieb u* Ambaxxatur għall-Ordni Sovran ta' Malta

Wieħed mill-ġinekoloġi magħrufin f'Malta huwa, bla dubju, il-Prof. George Buttigieġ, bniedem kariżmatiku li għamel isem fil-karriera professjonali brillanti tiegħu. Huwa wkoll lettur fl-Università ta' Malta kif ukoll *visiting lecturer* f'universitajiet oħrajn. Barra minn hekk, għandu wkoll interess partikolari, akkademiku u prattiku fil-mediċina legali. Il-Professur Buttiġieġ iggradwa fl-Istorja b'interess speċjali f'dik tal-Kavallieri. Bħala passatemp, huwa awtur ta' diversi novelli, proża u poeżiji. Huwa wkoll Ambaxxatur għall-Ordni Sovran ta' Malta. Qabel ngħaddi għall-mistoqsijiet, nixtieq nirringrazzjah mill-qalb talli, minkejja l-impenji kollha li għandu, aċċetta din l-istedina tagħna.

**Qabelxejn, nitolbok, jekk jogħġbok, tgħidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija u ż-żogħżija tiegħek sakemm iggradwajt u dħalt fid-dinja tal-mediċina.**

Jien twelidt Tas-Sliema fis-26 t'Ottubru tal-1952. Familja ta' *ħamsa*, magħquda u tipikament Maltija, fl-għożża u t-twemmin nisrani. Memorji sbieħ ta' tfulija *ħelwa*. Tlift lil misseri meta kelli biss erbatax-il sena. Inżid ukoll li missieri miet bil-kanċer tal-istonku u l-aħħar xhur ta' *ħajtu* kienu purgatorju kbir għalih u ta' qsim-il qalb kontinwu għalina. Kont tgħallimt naghtih l-injezzjonijiet tal-morfina taħt l-istruzzjonijiet tat-tabib tal-familja. Dis-sitwazzjoni kompliet saħħet fija l-*ħrara* li nfejjaq u ngħin lill-marid. Kienet raġuni oħra li xprunatni lejn il-kors tal-mediċina. PerĐ, ix-xewqa tal-fejqan kienet nibtet fija kmieni fit-tfulija bikrija. Xi spira dik ix-xewqa daqshekk kmieni fi tfuliti, għalija, għadu misteru kbir sal-lum stess.

Bħal *żgħażagħ* oħrajn, kont inħobb noħroġ imma qatt ma kont sfrattat. Għamilt sena ngħallem il-fiżika u l-kimika għax kelli, dik li jgħidulha, *standing year*. F'dik is-sena, iltqajt ma' tfajla, jisimha Annabelle Bonnici. Kienet l-ewwel u l-unika mħabba. Illum, Annabelle hija l-mara tiegħi u ilna miżżewġin *ħamsa* u erbgħin sena. Għandna *żewġ* ulied; Nicky u Gaby. Nicky hija tabiba, miżżewġa lil konsulent Dr. Kirill Micallef Stafrace, u għandhom tlitt itfal, Noah, Liam u Eva. Gaby hija avukata miżżewġa lill-avukat Massimo Vella. Għandhom *żewġ* ulied tewmin, George u Serena.



Dawn huma t-teżori tiegħi li, għalihom, ta' kuljum, naghti *ħajr* lil Alla.

**Issa, ilek diversi deċennji tipprattika l-professjoni tiegħek u rajt mijiet ta' ħajjiet ġodda jitwieldu. X'impressjoni għandek tal-ġenituri li jdumu x-xhur jistennew tarbija u l-ferħ tagħhom mat-twelid? Kellek xi esperjenzi partikolari?**

Jiena *ħdimt* u għallimt f'diversi pajjiżi. Wellidt trabi ta' kull *ġens* u, ma' kull tarbija li wellidt, baxxejt rasi f'qima profonda lejn il-kobor tal-*Ħallieq* Divin. Kull wild huwa rigal. Saħansitra, anki t-trabi mhux mixtieqin, jew bi problemi f'saħħitom. Din l-esperjenza *ġġibek* wiċċ imb wiċċ mal-misteru tat-tbatija. *Żgur* li mhux ser jifhem il-misteru tat-tbatija George Buttigieg. Imma dawn l-affarijiet qatt ma naqqsuli mill-qima tiegħi lejn u mill-imħabba t'Alla l-imbierek. F'qalbi dejjem bkejt ma' min beka u fraħt ma' min feraħ. Nipprova ma nurix wisq is-sentimenti tiegħi imma m'jiniex attur tajjeb. Fil-biċċa l-kbira, il-*ġenituri* juru ferħ li ma jitfissirx. Imma, meta jkun hemm xi problema, l-uġiegħ tagħhom inħossu wisq *ġo* fija. Dak l-uġiegħ kien, u għadu, jiġi miegħi d-dar u jorqod miegħi f'soddti.

**Bħala lettur, l-aktar f'Malta, x'taħseb fuq l-istudenti li bdew, jew qed ikomplu, l-istudji tagħhom f'dan is-suġġett? Taħseb li, f'Malta, għandna żgħażagħ biżżejjed li qed jaspiraw għal din il-professjoni?**



Studenti tal-Mediċina hawn iktar minn biżżejjed, speċjalment issa li nfetħu universitajiet oħrajn. Niftakru li l-pazjenti ma jistgħux jitkattru u, mingħajr ma nnaqqas mid-dinjità tal-pazjent, din ir-riżorsa tillimita l-għadd ta' studenti li jista' jkollhom aċċess għaliha fl-isptar. Bħala professur barra minn Malta, xi *ħaġa* li ninnota hija li, hemmhekk, hemm iżjed dixxiplina u rispett lejn il-professur. Ma tara lil *ħadd* jixrob jew jiekol waqt il-*lecture*. Hemmhekk, anki fi lbiesħom, l-istudenti juru li huma konxji tal-pożizzjoni tagħhom u kburin biha. L-istudenti dejjem *ħabbejtom ħafna* jien imma nħoss li, hawn Malta, jeħtieġ li jerġgħu jsibu id-dinjità tagħhom.

**Ċertament, il-ħidma tiegħek hija marbuta ma' diversi professjonijiet oħrajn, b'mod speċjali, ma' dik tal-midwives. Kollha taħdmu għall-istess għan. Hemm xi**



**diffikultajiet partikolari waqt il-ħidma tagħkom?**

L-ostetriku u l-*midwife* jaħdmu id f'id. Jien dejjem *żammejt* lill-qwiebel fl-ogħla rispett li jixirqilom. Huma professjonisti u xogħolhom huwa uniku u indispensabbli. Qatt ma kelli diffikultà magħhom. Dejjem irrispettajna lil xulxin u *ħdimna* flimkien għall-ġid aħħari tal-pazjenti u tat-trabi tagħhom.

**Ngħaddu issa għal ħidma oħra tiegħek, dik tal-kitba u pubblikazzjonijiet. Tista' tgħidilna kif bdiet din il-ġibda għall-kitba u x'pubblikazzjonijiet għandek?**



Bdejt minn meta kelli xi *ħmistax*-il sena billi nippubblika stejjer qosra u poeżiji bil-Malti fil-gazzetti u anki radjudrammi u *radioserials* fuq ir-Rediffusion. Kollezzjoni ta' stejjer qosra bil-Malti msejħa, 'Fejn imutu l-friefet' kienet inqalbet għat-Taljan u nqrat fuq il-*Voice of the Mediterranean*. Nippubblika *ħafna* u regolarment; kemm artikli u kotba xjentifiċi mediċi u medikolegali kif ukoll kotba fuq l-istorja, speċjalment tal-Ordni ta' San *Ġwann*. Il-*fiction* hija wkoll għal qalbi immens. Tinteressani *ħafna* l-istorja tal-Kavallieri Ospitalieri u Templari. Sa anki waqqaft *ġurnal*, *The Monastic Miltary Orders*, li ntlaqa' tajjeb *ħafna* wkoll, speċjalment barra minn Malta. Nikteb ukoll *fiction,* kemm *historical fiction* kif ukoll poeżiji u stejjer qosra bl-Ingliż. Fl-2007, irbaħt il-premju nazzjonali bil-ktieb, *Of Craft and Honour and a Templar's Chronicles*. Bħalissa, għaddej b'diversi xogħlijiet, inklużi *textbook* tal-linja tiegħi, xogħol storiku u ktieb *fiction*.

**Ovvjament, mistoqsija oħra hija dik dwar il-ħidma tiegħek bħala Ambaxxatur tal-Ordni Sovran ta' Malta. Tista' tagħtina tagħrif fil-qosor dwar l-involviment tiegħek fih?**



L-Ordni Sovran ilu parti sew minn *ħajti* sa mill-1998 meta *ġejt* investit Kavallier tal-Ordni. Kont attiv *ħafna* fix-xogħol tal-Assoċjazzjoni ta' Malta, servejt f'diversi karigi fuq il-Kunsill, kont Direttur tal-Bank tad-Demm u anki *ġejt* onorat għadd ta' drabi. Fis-sena 2005, il-Gvern Malti għoġbu jaħtarni Ambaxxatur Plenipotenzjarju tar-Repubblika għall-Gvern tal-Ordni f'Ruma. S'issa, għadni nservi f'din il-kariga li jiena nieħu b'responsabbilità kbira. Bejn l-2013 u l-2016, kont ukoll Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede. Għandi wkoll involviment akkademiku qawwi fl-Ordni u, barra li għamilt MA fl-Istorja tal-Ordni, nippubblika *ħafna* fuq diversi aspetti storiċi mis-seklu *ħdax* 'il quddiem.

**Jiena nirringrazzjak mill-qalb imma, fl-aħħar nett, nixtieqek tgħaddi messaġġ qasir lill-qarrejja ta' dan il-*magazine*, speċjalment lill-anzjani. X'tgħidilhom lill-anzjani tagħna?**

Mal-anzjanità, niddgħajfu f'ġisimna imma, *ħafna* drabi, jikber fina d-dixxerniment tal-*ħajja*. Għaldaqstant, għandna bosta x'noffru f'dak li hu għarfien tal-*ħajja* u l-għerf li fiha. *Żommu* attivi kemm tistgħu; kemm fil-*ġisem*, fil-moħħ kif ukoll fir-ruħ. Tiddejqux tagħtu parir tajjeb; kliemkom huwa għerf il-*ħajja* u jiswa aktar mid-deheb. Nixtiqilkom is-saħħa u s-serenità u, lil batut, nixtieqlu d-don tar-rassenjazzjoni fil-pjan li għandu Alla l-Imbierek għal kull wieħed u waħda minna.

# Mr Brown's Son

Anthony Borg
13/12/1990



Spontaneous was the party organised
for my mum and dad's wedding anniversary.

Uncles, aunties and cousins,
all cheerful;
wishing my mum and dad
a happy anniversary.

Simply the best
for my mum and dad
in whom I found my nest.



# Il-Presepju tal-Gagazza

**Kitba ta' Joe C. Cordina**

Waħda mit-tradizzjonijiet tal-Milied li baqgħet popolari matul iż-żminijiet hija dik tal-presepju li jinbena minn diversi materjali bħal biċċiet tal-blat, sufra, ġibs, kartapesta u gagazza. Din tal-aħħar għamlet żmien meta kienet popolari ħafna bħala materjal biex bih isir il-presepju. Il-gagazza hija dak li jibqa' mill-faħam wara li jinħaraq u, minnu, joħroġ il-gass. Hija materjal pjuttost ħafif u spuntat u, għaldaqstant, huwa faċli biex tqabbad biċċa mal-oħra u tibni l-istruttura meħtieġa biex tagħmel presepju; speċjalment, għall-għerien.

Dari, il-faħam kien mezz popolari għat-tisjrir, biex isaħħnu d-dar u anki biex iħaddmu ċertu makkinarju u vetturi goffi; kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar. Wara li jinħaraq, dak li kien jibqa' mill-faħam kien jintrema. Min ried jagħmel presepju żgħir, kien jiġbor il-gagazza minn wara xi forn. Min ried jagħmel presepju ikbar, ikun jeħtieġ biċċiet ikbar u, għalhekk, kien imur ifittex f'xi post fejn kienet tintrema l-gagazza, normalment, fix-xagħri. Min kien joqgħod in-naħa tal-Belt, kien jiġborha jew mix-Xatt tal-Port il-Kbir, in-naħa tal-Menqa, fejn kienet tintrema mis-sidien tal-vapuri, jew minn naħa tal-Biċċerija, fejn kienu jipparkjaw it-trammijiet matul il-lejl. Darba tinġabar, il-gagazza kienet titħalla ġo xi bitħa ħalli, sakemm jasal iż-żmien li tintuża, tilħaq tixxarrab bl-ilma tax-xita u tindaf.

Meta joqrob il-Milied, missirijietna kienu jħejju l-post fejn ser iqiegħdu l-presepju. Jekk ikun wieħed żgħir, ġeneralment, kienu jagħmluh fuq xi mejda jew tavolina fir-rokna tal-intrata. Imma, jekk ikollhom f'rashom presepju kbir, kienu jagħżlu spażju ikbar, ngħidu aħna, taħt it-taraġ jew, addirittura, anki f'xi kamra isfel. Kienu jaqbdu xi żewġ imwejjed sodi u, fuqhom, jagħmlu t-twavel. Imbagħad jiksu l-wiċċ u l-ħitan, kemm ta' wara kif ukoll tal-ġnub bil-folji tat-*three-ply* b'tali mod li l-presepju jiġi qisu ġo kaxxa. Il-ġnub, in-naħa ta' wara u s-saqaf, jiksuhom, jew jisbgħuhom, b'lewn ikħal ta' lejla xitwija. Kienu jqasqsu għadd ta' stilel bojod, jew ta' lewn il-fidda, u jwaħħluhom spazjati dawramejt. Kienu jwaħħlu wkoll biċċiet tat-tajjar mas-saqaf, taparsi sħab, u anki jsibu stampi ta' anġli, iqasqsuhom u jwaħħluhom u jdendluhom ma' kullimkien biex jagħtu l-idea tas-sema kif kienet fil-lejl tal-ewwel Milied. Iktar 'l isfel mal-ħitan tal-ġnub u fuq wara, kienu jwaħħlu l-brown paper u jisbgħuh bil-ġir ta' lewn isfar, kannella, abjad u aħdar biex jagħtu l-impressjoni tal-għoljiet ta' madwar l-Għar ta' Betlem. Min jinqala', anki jpinġi xi djar żgħar fuq l-għoljiet jew inkella xi belt fil-bogħod u, hekk, jinħoloq xenarju sħiħ b'kewkba ikbar mill-oħrajn u b'denb ta' xniexel imdendlin jippuntaw lejn fejn ġejja l-grotta.

Sadattant, kienu jagħtu l-aħħar ħasla lill-gagazza u, meta tinxef, iġorruha fil-bramel u jdaħħluha ġewwa. Il-missier jitla' għarkupptejh fuq it-twavel u jibda jarma' l-presepju. It-tfal inewlulu l-biċċiet tal-gagazza kif jitlobhom; waħda kbira, waħda mdaqqsa jew waħda żgħira. Ta' min jgħid li l-bini tal-presepju bil-gagazza jinħtieġ naqra tas-sengħa mhux ħażin u jirrikjedi wkoll għadd ta' sigħat ta' xogħol, forsi, iktar minn presepji magħmulin minn materjal ieħor. Dan għax il-ġibs, is-sufra u l-kartapesta jitwaħħlu f'posthom u, tista' tgħid, jibqgħu kif tqegħedhom. Imma l-presepju bil-gagazza huwa different minħabba l-fatt li l-biċċiet tal-gagazza ma jeħlux flimkien imma jitpoġġew waħda mal-oħra u jżommu ma' xulxin biss għax huma spuntati. Dan jgħin biex, darba ssibilhom il-pożizzjoni, il-gagazza jżommu ma' xulxin. Però, mhux l-ewwel darba li tkun, mingħalik, lestejt l-għar jew xi ħnejja u, f'daqqa waħda, jaqagħlek kollox u jkollok terġa' tibda mill-ġdid. Xogħol bħal dan jirrikjedi ċerta kapaċità u sengħa. Ġeneralment, l-għar isir billi l-ewwel tagħmel il-biċċiet tal-gagazza fl-art f'għamla ta' nofrs ċirku u, imbagħad, terġa' tagħmel nofs ċirku ieħor fuqhom daqsxejn inklinat 'l ġewwa u tkompli sejjer hekk; bħal meta wieħed jibni girna bħal dawk li naraw fl-għelieqi. Min jagħmel presepju bil-gagazza jrid ikollu wkoll ħafna paċenzja biex, fl-aħħar, ilesti struttura magħmula mill-grotta l-kbira flimkien ma' għadd ta' għoljiet, widien, toroq, passaġġi, għelieqi u anki xi għerien oħrajn 'l hawn u 'l hemm.

Imbagħad jibda l-armar tiegħu. Fl-art, ixerrdu t-trab tas-serratura li jiddubbaw mingħand xi mastrudaxxa u, f'ċerti spażji mdawrin bil-ħitan tas-sejjieħ, jitfgħu fuqha l-ġir ta' lewn kannella biex tidher qisha ħamrija. Fix-xagħri, ixerrdu ġir ta' lewn aħdar taparsi ħaxix u, fil-widien, jagħmlu xi ħaġa biex jidher qisu hemm l-ilma ġieri. Ipoġġu wkoll għadd ta' siġar żgħar magħmulin mis-sagħtar, pjanta li tikber fil-widien u li għandha dehra ta' siġra żgħira. Xi wħud jagħmlu wkoll siġar tal-palm magħmulin mill-karti u mill-kartun flimkien ma' għadd ta' djar żgħar tal-kartun imxerrdin 'l hawn u 'l hemm madwar il-presepju kollu. Fost dawn, jibbrillaw



il-mitħna kbira tar-riħ flimkien mal-bir u hemm anki min hu kapaċi jagħmel belt żgħira fil-bogħod minn kaxxi żgħar tal-kartun.

Issa l-presepju, tista' tgħid, ikun lest u jonqsu biss il-pasturi. Il-biċċa l-kbira, dawn il-pasturi jkunu jew tal-ġibs jew tat-tafal u, uħud minnhom, huma tant sbieħ u delikati li jixhdu l-arti u t-talent ta' min jagħmilhom. Meta l-pasturi jitpoġġew f'posthom, il-presepju jkun lest minn kollox. Imma, stenna ftit! Jonqos li jkun imżejjen bil-qamħ u l-ġulbiena. Dawn jinżergħu mal-festa tal-Kunċizzjoni fuq it-tajjar fi plattini u jinżammu f'post fid-dlam biex jikbru bojod u sbieħ. Fl-aħħar, missirijietna kienu jdendlu xi msiebaħ jew iqiegħdu xemgħat mixgħulin fuq il-presepju biex jiġi mdawwal u hekk ikun tassew lest u, verament, joffri spettaklu sabiħ.

Aħna, id-dar, hekk konna nagħmluh. Kien jieħu ħsieb jibnih missieri u aħna, is-seba' aħwa konna ngħinuh. Illum, il-faħam naqas ħafna mill-użu tiegħu u m'għadekx iktar issib il-gagazza. Minn ħuti kollha, jien ħriġt dilettant tal-presepju u writt is-sengħa ta' missieri. Peró, illum, minflok gagazza, nuża biċċiet ta' ġebel rustiku li nerfgħu minn sena għall-oħra taħt il-qafas tal-istess presepju li narma kull sena fil-ġaraxx li ħallejtu għalhekk biss. Minn naħa tiegħi, inseġwi l-istess regoli biex narmah ħlief li, minflok gagazza, nuża l-ġebel rustiku. Imma, merfugħin f'kaxxa, għad għandi l-biċċiet tal-gagazza ta' dari u, kultant, inħares lejhom b'ċerta nostalġija.

Dan huwa presepju li għamilt minn biċċiet ta' ġebel rustiku mqegħdin waħda fuq oħra mbagħad, fuqhom, poġġejt biċċiet tal-gagazza li għad fadalli biex nuri kif ikun presepju tal-gagazza li, illum, m'għadekx issibha.

# Lejl il-Milied

**Ġuża Williams Piccinino**



Waqt illi qiegħda
għal ftit bilqiegħda,
imsaħħna tajjeb
maġenb in-nar,
għalaqt għajnejja,
rajt resqin lejja
ħsibijiet ħelwa
daqs tat-tfal żgħar.

L-ewwel, rajt meta,
f'dik id-dar ċkejkna,
twelidna kollha
wara xulxin.
U kellna magħna
lin-nanna tagħna
li, issa, qiegħda
għand il-Bambin.

Ftakart f'missieri,
kien iqum kmieni,
dejjem jistinka
minn xogħol għal xogħol.
U dejjem jaħdem,
jara kif jagħmel
ħalli jkun jista'
jitmagħna lkoll.

Imbagħad, bħal-leħħa,
il-ħsieb fis tarli
meta kien joqrob
sew il-Milied.
U rajt lil ommi
b'ħarsa miksura,
qalbha magħsura
bil-ħsibijiet.

Kont għadni żgħira!
qatt ma stajt nifhem
dak illi ommi
kienet qed tħoss;
kemm xtaqet tista'
toħroġ tixtrielna
ħalli tlibbisna
u ttina gost.

Ma rridkomx taħsbu
li l-ħajja tagħna
kienet xi waħda
li mhix ferħana.
Jien xejn ma nbiddel
u xejn ma rrid
li kieku kelli
niġi mill-ġdid.

U hekk, kien jasal
lejl il-Milied
u aħna mmorru
m'ommi l-quddies.
Magħna missieri
ma jiġix kien
għax jgħid li jħossu
xi ftit għajjien.

U hekk, kif lura
immorru d-dar,
bi ħsieb missieri
li jorqod mar,
nidħlu fil-kċina,
nixegħlu d-dawl
naraw quddiemna
xena mill-kbar.

F'waħda mir-rkejjen,
hemm il-presepju,
mimli pasturi
ħelwin, ċkejknin.
Imbagħad, inħarsu
'l fuq, lejn is-saqaf
fejn hemm imsensel
l-isbaħ tiżjin.

Imbagħad, nintebħu
għala missieri
ma kienx ried jiġi
magħna l-quddies.
Għalih, kien xorta,
imur filgħodu,
basta jferraħna
f'lejl il-Milied.

Dak iż-żmien għadda,
ma jerġax jiġi!
imma ħallielna
tifkiriet sbieħ.
Grazzi lil ommi
u lil missieri
talli rabbewna
f'tant żmien sabiħ.



# Titwiliet Għawdxin

### Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex

**Karmelitani m'hawnx imma tal-Karmnu iva**

Għalkemm komunitajiet ta' patrijiet Karmelitani m'hawnx f'Għawdex, id-devozzjoni tal-Labtu u, iktar minn hekk, lejn Sidtna Marija tal-Karmelu, ilha mifruxa sew fid-djoċesi u, f'din is-sensiela, diġà kelli okkażjoni nirreferi għaliha, bħal meta ħarist lejn il-knisja tal-Karmnu fix-Xlendi. Illum xtaqt nimraħ iktar.

Knisja oħra dedikata lill-Madonna b'dan it-titlu qiegħda fil-kampanja bejn ix-Xewkija, ir-Rabat u x-Xagħra, fl-inħawi "Ta' Ħamet". Inbniet mill-familja ta' Liberato u Rosa Grech. Liberato kien wieħed mill-mexxejja Għawdxin fir-rewwixta kontra l-Franċiżi u dan għamlu bħala ħajr lill-Madonna talli kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid. Tbierket minn binhom, il-Kanonku Salvatore Grech fl-1837, erba' xhur qabel il-mewt ta' missieru, Liberato.

Il-kwadru titulari, li kien deskritt bħala wieħed ta' ċerta kwalità, grandjuż u gustuż, huwa ta' Tommaso Madiona u tpoġġa f'postu fl-1838. Fih, jidhru l-Madonna bil-Bambin imdawrin bi gruppi ta' anġli fuq pajsaġġ tipikament Għawdxi bil-kappella kif kienet qabel ittellgħu ż-żewġ kampnari fl-1958. Fl-1844, Antonio Falzon pitter kwadru ta' San Mikiel.

Artal ieħor għandu bħala titular Kurċifiss tal-istatwarju Wistin Camilleri fuq sfond ta' Antonio Apap. Dan l-artist mix-Xagħra pitter anki s-saqaf bix-xbiha ta' San Xmun Stokk u ta' erba' qaddisin Karmelitani fil-pennakli, kopji ta' dawk li hemm fil-kappella tal-Karmnu tal-Bażilika tax-Xagħra.

Fl-1949 inġiebet statwa tal-Madonna ta' Fatima, minn Fatima stess, imbierka u nkurunata mill-Papa Piju XII. Fil-fatt, id-dehriet tal-Madonna jiġu ċċelebrati kollha u jsiru l-pellegrinaġġi bl-istatwa. Tliet snin wara, l-artal sar tal-irħam ta' Lucca, bil-Madonna bil-Bambin, San Xmun Stokk u Sant Elija, filwaqt li l-istatwa tal-injam tal-Madonna tal-Karmnu waslet minn Milan fl-1966.

Minħabba l-art taflija, il-knisja kienet teħtieġ restawr qawwi. B'xorta tajba, l-idea li tinbena mill-ġdid twarrbet u, minflok tkabbret, ittieħdet deċiżjoni għaqlija li tinbena sala mdaqqsa maġenbha, bis-sagristija bejniethom, fejn hemm kwadru qadim interessanti tal-Kunċizzjoni. Il-Moviment Ewkaristiku Għawdxi, li kien imwaqqaf fl-1964, jiltaqa' kull lejla fil-knisja oriġinali imma s-sala sservi f'ċelebrazzjonijiet b'konkorrenza akbar.

Fadlilna aktar għax, fit-trufijiet tar-Rabat, fl-inħawi tal-Għonq, fit-triq li twassal lejn l-Isptar Ġenerali, hemm kappella ċkejkna li, fil-kwadru titulari tagħha, nilmħu lill-Madonna tal-Karmnu (anki jekk din il-kappella hija ddedikata lil Santa Marta) li tidher ukoll, flimkien mal-erwieħ tal-purgatorju. Inbniet fl-1866 b'wegħda min-negozjant Feliċ Attard u martu li kienu mbeżżgħin li jintlaqtu mill-kolera li kienet qed tinxtered fostna bil-ħeffa dak iż-żmien. Fil-fatt, faċċata, hemm ċimiterju abbandunat li kien serva għal dawk li tilfu ħajjithom bil-kolera. Ħasra li dal-post storiku tħalla f'kundizzjoni ħażina u li, minn għalqa fil-ġenb tiegħu, tneħħiet statwa Marjana fuq pedestall bi stil bassoriljev.

Il-kappella fiha artal wieħed imma, matul is-snin, saru bosta żidiet ta' tisbieħ, fosthom pittura tal-qawmien ta' Lażżru, xogħol ta' Joe Cutajar, u statwa ta' Santa Marta magħmula minn Albert Micallef. Ir-rettur preżenti, Mons. Ġwann Bosco Cremona, kompla fuq il-predeċessuri tiegħu u għadu jżid iktar titjib għall-kumdità tad-devoti, li mhumiex ftit.

Għal-lum, nagħlaq b'xi ħaġa dwar il-knisja tal-patrijiet Agostinjani fil-kapitali, li ilhom hawn mis-seklu ħmistax; binja li, tagħha, għandna ħafna dokumentazzjoni dwar kif żviluppat mis-seklu sittax 'l hawn. Il-knisja ta' Santu Wistin għandha l-korpsant ta' Santa Dijonisja, statwi ta' Santa Rita u tal-patrun stess, it-tnejn li huma saru minn Wistin Camilleri, u artali laterali dedikati lil San Ġużepp (is-Sagra Familja) lil San Nikola ta' Tolentino, lil San Tumas minn Villanova, lil Sant' Anna (li tidher ma' qaddisin oħrajn) u lill-Madonna taħt żewġ titli differenti: taċ-Ċintura (jew tal-Konsolazzjoni) u tal-Karmnu (kwadru ta' Stefano Erardi li nġieb mingħand il-Karmelitani tal-Belt). Fil-fatt, jidher li, għall-inqas, sa mis-seklu sbatax, hawnhekk kellna l-bidu tad-devozzjoni tal-Karmnu f'Għawdex.

Ovvjament, hemm ħafna iktar xi tgħid dwar din il-knisja li toffri opri artistiċi ta' valur, inkluż it-titular ta' Mattia Preti (u l-*bottega* tiegħu) iffinanzjat fl-1694 min-nobbli Għawdxi, Giovanni Gourgion. Ta' min isemmi wkoll iż-żewġ kwadri kbar fuq il-presbiterju xogħol ta' Ġużeppi Briffa li saru fl-1932 u ieħor żgħir li wasal fl-1765 li juri lill-Madonna tal-Parir it-Tajjeb (tal-Bon Kunsill) fuq l-altar maġġur li huwa eżempju mill-aqwa tas-sengħa fl-irħam. Il-pjazza hija wkoll imsebbħa bi statwi tal-ġebel fuq iz-zuntier. Anki l-kunvent stess huwa kbir u sabiħ tant li, matul is-snin, serva (u għadu jservi) għal diversi skopijiet bħal għan-novizzjat, ċentru għal irtiri (u laqgħat oħrajn) u anki post għal attivitajiet kulturali.

---

ĠEMMA
know. plan. act.

# Il-Prezzijiet tal-Proprjetà se jinżlu?

### Mit-tim ĠEMMA (www.gemma.gov.mt)

Ix-xiri ta' proprjetà aktarx li hi l-akbar spiża li bniedem jista' jagħmel f'ħajtu. Għal ħafna nies, li jkunu sid ta' darhom, hi fost l-akbar kisbiet importanti f'ħajjithom. Minn naħa l-oħra, oħrajn iqisu l-investiment fil-proprjetà bħala mod kif jiġġeneraw il-ġid permezz ta' xiri bil-possibilità ta' bejgħ bi prezz ogħla fil-ġejjieni jew billi jdaħħlu ħlasijiet regolari permezz ta' kiri tal-istess proprjetà.

Matul is-snin, rati ta' imgħax baxxi fuq depożiti bankarji ħeġġew lin-nies biex ifittxu modi alternattivi kif jiġġeneraw dħul fuq il-flus tagħhom li, prattikament, ma kienu qed iġibu ebda dħul lura. Fid-dawl ta' dan, diversi persuni, jew familji, bdew jikkonsidraw li, apparti dik residenzjali, jixtru proprjetajiet oħrajn f'kuntest ta' investiment sigur li jirrendi. Ma jfissirx li, essenzjalment, dawn ix-xerrejja jkollhom il-finanzjament kollu meħtieġ biex jixtru l-proprjetà. Imma, f'dawn il-każi partikolari, ix-xerrejja jirrikorru lejn bank ħalli jipprovdilhom il-flus biex jiffaċilita l-ħlas sħiħ tal-proprjetà.

Dan il-fattur wassal biex id-domanda għall-proprjetà żdiedet u, maż-żieda fid-domanda, il-prezzijiet tal-proprjetà għolew ukoll. Iż-żidiet fil-prezz ġew trasferiti fuq ix-

xerrejja u dan wassal lil banek biex jibdew jintroduċu ipoteki ogħla għal proprjetajiet meta mqabbel ma' dak li kien meħtieġ fl-imgħoddi. Anki jekk il-prezzijiet tal-proprjetà żdiedu b'mod sinifikanti, in-nies xorta baqgħu jixtru u l-banek baqgħu jsellfu aktar flus.



**Min se jċedi l-ewwel?**

Ix-xerrej ma jistax iżid l-offerta tiegħu għax il-bank li miegħu jaħdem jagħtih limitu ta' self. Minn naħa l-oħra, il-bejjiegħ għandu pagi u anki djun xi jħallas. Fl-istess waqt, il-bejjiegħa ma jkunux iridu jinqabdu b'ħafna proprjetajiet li ma jistgħux ibigħu. Hawn hu l-punt fejn ix-xerrej jista' jinnegozja ftehim aħjar ma' bejjiegħa oħrajn u, hekk, jibdel is-suq tal-proprjetà minn suq tal-bejjiegħ għal wieħed tax-xerrej. Il-bejjiegħ jista' jbigħ il-proprjetà b'telf jew bi ftit jew xejn profitt.

**Punti li għandek tikkonsidra**

Int kapaċi tħallas id-dejn li għamilt? Jekk ma tħallasx dak miftiehem miegħu sa ċertu żmien, il-bank jista' joħodlok il-proprjetà tiegħek. Wieħed irid jiddistingwi wkoll bejn li ma jħallasx self u li ma jkunx jista'. Tal-ewwel, timplika għażla filwaqt li, tat-tieni, le.

B'differenza mill-proprjetà, is-salarji u l-pagi għandhom it-tendenza li jibqgħu fissi għal żmien twil jew jiżdiedu b'rata li tieħu ż-żmien. Inflazzjoni ogħla u rati ta' imgħax ifissru li jkollok inqas flus x'tonfoq fuq kapriċċi u lussu. Dan peress li l-bżonnijiet u s-self tiegħek diġà jkunu jieħdu parti kbira mis-salarju tiegħek.

Jekk il-bejjiegħa jkunu jafu li x-xerrejja qed jixtru l-proprjetajiet tagħhom bi kwalunkwe prezz, huma jibqgħu jżidu l-prezzijiet tagħhom peress li jafu li d-domanda hi kbira u li, allura, jistgħu jbigħuhom bi prezz ogħla. Il-banek jippruvaw jikkontrollaw l-inflazzjoni billi jżidu r-rati tal-imgħax. Aktar ma tkun għolja l-inflazzjoni, iktar ikunu għolja r-rati tal-imgħax. Dan ifisser li r-rata tal-imgħax fuq is-self tiżdied u wieħed ikollu jħallas ħlasijiet ogħla ta' self fix-xahar.

Minħabba r-rati baxxi tal-imgħax fuq is-self matul l-aħħar ftit snin kif ukoll il-prezzijiet għoljin tal-proprjetà, il-banek qed isellfu flus lin-nies bl-ogħla livell li jistgħu jissellfu. Meta jinvesti, wieħed irid jassumi li dejjem ikun hemm xi ħadd lest li jixtri l-investiment tiegħu bi prezz ogħla minn dak li xtrah hu inkella jispiċċa jbigħ bit-telf.

Jasal żmien meta x-xerrejja ma jaffordjawx jixtru aktar djar għax il-banek ma jipprovdulhomx iktar finanzjament biex jagħmlu hekk. Minn naħa l-oħra, il-bejjiegħa ma jistgħux ibigħu l-proprjetà tagħhom bil-prezz li jaffordja x-xerrej għax, inkella, ikunu huma li jbigħu bit-telf.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, jekk għandek xi dubji jew mistoqsijiet jew teħtieġ parir dwar problemi u diffikultajiet li jista' jkollok, iddiskuti dawn l-affarijiet kollha mal-bank tiegħek qabel tiddeċiedi x'tagħmel



# APPREZZAMENT

## L-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici, 1933 - 2022

Karmenu Mifsud Bonnici, eks-Mexxej tal-Partit Laburista u, bejn Diċembru 1984 u Mejju 1987, eks-Prim Ministru ta' Malta, twieled Bormla fis-17 ta' Lulju tal-1933 u ħalla din id-dinja s-Sibt, 5 ta' Novembru 2022, fl-età ta' 89 sena. Skont xewqa tiegħu stess, ma riedx li jsirlu funeral statali. Madankollu, huwa ngħata l-aħħar tislima b'mod l-iktar dinjituż u kif jixraq nhar it-Tnejn, 7 ta' Novembru 2022 fil-Knisja tal-Immakulata Kunċissjoni l-Ħamrun, fejn trabba u għex il-biċċa l-kbira ta' ħajtu flimkien mal-familjari tiegħu. Għall-funeral, attendew l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż u l-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Arċisqof ta' Malta, il-Monsinjur Charles Scicluna.

F'omelija mqanqla, l-Isqof Awżiljarju, Joseph Galea Curmi, neputi ta' Karmenu, tkellem dwar il-ħafna kwalitajiet tajbin ta' zijuh; b'mod partikolari, l-imħabba li kellu lejn dawk l-aktar fil-bżonn fis-soċjetà. Mons. Galea Curmi qal li zijuh Karmenu kien bniedem ta' ġenerożità kbira b'qalb tad-deheb. L-imħabba tiegħu lejn il-fqir ma kinitx għajta li kien jużaha għal xi skop imma realtà li kien jgħixha tabilħaqq. Karmenu qatt ma baqa' passiv quddiem il-ħtiġijiet ta' għajru u dejjem kien lest jagħti minn tiegħu lil ħaddieħor. Kien hemm klijenti li, minflok ħallsuh huma, ħareġ il-flus mill-but hu biex għenhom imantnu l-familja tagħhom, u dan mingħajr ebda daqq ta' trombi.

Mons. Galea Curmi kompla jgħid li l-karità kbira ta' Karmenu Mifsud Bonniċi kienet imsieħba ma' ħidma ma taqta' xejn b'risq il-ħaddiema u d-drittijiet tagħhom. Din il-ħidma bdiet meta kien attiv ħafna fiż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u kompliet tul ħajtu kollha; ħidma li kienet tispikka l-aktar fost il-foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. Karmenu Mifsud Bonnici kien jemmen bis-sħiħ li s-saħħa tas-soċjetà titqies mill-progress ta' dawk l-aktar dgħajfa.

Mons. Galea Curmi semma wkoll il-kontribut li Karmenu ta f'diversi oqsma, fosthom, fil-professjoni tiegħu ta' avukat, bħala lettur tal-università, trejdjunjonista u, aktar tard, fil-kamp diffiċli tal-politika. L-intenzjoni ta' Karmenu dejjem kienet li jkun ta' servizz għall-pajjiżu u qatt ma fittex li japprofitta ruħu mill-pożizzjoni tiegħu. Karmenu Mifsud Bonnici kien ta' xempju għalina lkoll. Kien xhieda ħajja tal-valuri tal-onestà, tal-ġenwinità u tal-integrità. Fuq kollox, qatt ma ħalla lil ħadd jixtrih jew idaħħlu f'xibka ta' korruzzjoni!

Mons. Galea Curmi nnota karatteristika importanti oħra li kellu Karmenu Mifsud Bonnici; dik tal-konvinzjoni. Dejjem baqa' leali lejn il-konvinzjonjiet u l-ideali tiegħu. Ħadem b'determinazzjoni għal dak li kien jemmen li hu sewwa u, għal dan, kien anki lest imur kontra l-kurrent. Ma kienx qasba tixxejjer mar-riħ li jbiddel dak li jemmen skont x'jaħsbu n-nies! Kien eżempju ta' kif ikun bniedem ta' konvinzjoni u mhux ta' konvenjenza. Fl-istess ħin, Karmenu kien ukoll xhieda ta' umiltà kbira. Qatt ma fittex l-unuri, il-prestiġju, il-preġji tad-dinja jew dak li jagħmel ħoss jew jolqot l-għajn. Id-dikjarazzjoni tiegħu, li ħalla bil-miktub qabel miet (u li tant insista fuqha) dik li ma riedx li jisirlu funeral statali, hija tipika tiegħu u tesprimi eżatt dak li kien Karmenu.

Fl-aħħar nett, Mons. Galea Curmi semma wkoll it-tbatija li għadda minnha zijuh u li huwa ġarrab b'ħafna paċenzja u kuraġġ. Għadda minn ħafna mard, bata ħafna, speċjalment, fl-aħħar snin; u bata ħafna wkoll għax baqa' luċidu sal-aħħar.

Il-President, flimkien mal-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, jagħtu l-kondoljanzi sinċieri tagħhom lill-qraba kollha ta' Karmenu Mifsud Bonniċi f'dan il-mument ta' dieqa. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ li tassew jistħoqqlu.



# Nicolò Isouard

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Illum, imiss li naghti tislima xierqa lill-kompożitur kbir Malti ta' fama internazzjonali, Nicolò Isouard. Il-Franċiżi onoraw bis-sħiħ lil dan il-kompożitur tagħna tant li bust tiegħu jinsab flimkien ma' rjus mużikali importanti oħrajn fl-*Operà* ta' Pariġi. Mhux hekk biss imma Isouard, saħansitra, jinsab midfun fl-akbar ċimiterju li hemm Parigi; il-*Père Laschaise*. F'dan iċ-ċimiterju, hemm midfunin ismijiet prominenti internazzjonali li għamlu ħidma favur jew, b'xi mod, onoraw lin-nazzjon Franċiż, fosthom, Chopin u Cherubini.

Meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel, kont influwenzat bis-sħiħ minn kwadru li kien hemm imdendel mal-ħajt tal-bottegin tal-Każin tal-Banda, *12th May* ta' Ħaż-Żebbuġ. F'dan il-kwadru, kien hemm lista mhux qasira ta' Żebbuġin li għamlu isem lil pajjiżna, fosthom, l-iskultur Antonio Sciortino u l-poeta Nazzjonali, Dun Karm Psaila. F'din il-lista kien hemm ukoll l-isem tal-kompożitur Nicolò Isouard.

Kont nemmen bis-sħiħ dan it-tagħrif u, għal snin twal, bqajt naħseb li Nicolò Isouard kien Żebbuġi. Ngħidilkom is-sewwa, mhux jien biss kelli dik l-impressjoni, imma ħafna u ħafna Żebbuġin oħrajn. U anki oħrajn barra mir-raħal ta' Ħaż Żebbuġ kienu jemmnu, u għadhom isostnu, li Isouard kien Żebbuġi. Imma mhux il-każ. Nixtieq, kieku, li kien hekk, għax jien Żebbuġi wkoll imma mhux hekk. Nicolò Isouard huwa mill-Belt u tgħammed fil-Knisja ta' San Duminku l-għada li twieled fis-16 ta' Mejju, tal-1773. Nikkonferma dan b'kitba mill-aqwa tas-Sur Joe Vella Bondin, studjuż u riċerkatur importanti ħafna f'pajjiżna fejn tidħol l-istorja tal-mużika Maltija. Dan it-tagħrif huwa stampat ukoll fil-ktieb tiegħu, *The Great Maltese Composers*.

Biex tkompli iktar tagħqad, il-Mostin jagħmlu lil Nicolò Isouard li huwa mill-Mosta, minħabba l-fatt li, waħda mill-baned tal-Mosta, hija msemmija għalih, il-Banda Nicolò Isouard. Anki triq imsemmija għalih hemm. Jiena ngħid li l-Mostin għamlu sew li semmew il-banda tagħhom għal dan il-kompożitur Malti għax, bis-saħħa tal-isem ta' din il-banda, ħafna Maltin semgħu b'dan il-kompożitur kbir Malti. Imma, fl-istess ħin, għadni sal-lum nipprova niskopri għaliex din il-banda Mostija ssemmiet għal dan il-kompożitur Malti mill-Belt.

Nicolò Isouard beda l-istudji tiegħu fil-mużika f'Malta u l-għalliema tiegħu kienu l-Maltin, Michelanġelo Vella u Francesco Azopardi. Wara, huwa kompla l-istudji tiegħu f'Palermo u f'Napli. L-ewwel opri tiegħu saru b'suċċess fl-Italja fl-1794. Naturalment, qatta' ħafna snin f'Pariġi fejn iżżewweġ lil Claudine Berthault u, hemmhekk, issorprenda lil kulħadd bil-famużi opri komiċi tiegħu taħt l-isem ta' Nicolò de Malte.

Nicolo' Isouard miet żgħir, meta kellu biss erbgħa u erbgħin sena, fit-23 ta' Marzu tal-1818. Minkejja dan, Isouard ikkompona diversi xogħlijiet. Ibbrilla ħafna fl-opra komika u Gioachino Rossini, il-kompożitur tal-*Barbiere di Siviglia* u tal-*William Tell* kien jaf sewwa dwaru.

Fil-lista ta' xogħlijiet mużikali li kkompona Nicolò Isouard insibu disgħa kantati; waħda minnhom, dwar pajjiżna, jisimha, Malta Sabiħa, quddies, salmi, għanjiet klassiċi u diversi opri b'sinfoniji sbieħ. Ngħidilkom ukoll li hawn xi *recordings* ta' xi xogħlijiet tiegħu li jagħmlu ġieħ kbir lil dan il-kompożitur imma jeħtieġ li jkollna ferm aktar. Studjużi, speċjalment żgħażagħ, għandhom jiskopru aktar lil dan il-kompożitur Malti li kien ukoll pjanista mill-aqwa. Għandha wkoll tingħata spinta biex inżidu aktar traskrizzjonijiet ta' mużika tiegħu li tkun aċċessibbli għal dawk li jixtiequ jesegwixxu l-mużika ta' Nicolò Isouard.

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sin. Catherine Said (il-Belt - Valletta) - €25.00
Is-Sinjura Nanette Mifsud (Whitby Ont., Canada) - €40
Is-Sur Paul C. Debono (Naxxar) - €21

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.
Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.
Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.
Grazzi bil-quddiem.

# SEDUTA PARLAMENTARI



***Siltiet mid-diskorsi li saru waqt Seduta Parlamentari bit-tema 'Id-Drittijiet ta' u l-Abbuż fuq l-Anzjani' organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA) nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022 fil-bini tal-Parlament il-Belt Valletta***



Wara quddiesa ta' radd il-ħajr iċċelebrata minn Patri Dionisio Mintoff, fetaħ din il-laqgħa plenarja l-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati, **l-Onor. Dr Anġlu Farrugia**. Dr Farrugia ta merħba lill-parteċipanti u rringrazzja lill-KNA għal din l-inizzjattiva li saret bil-għan li, fis-soċjetà, jiżdied l-għarfien dwar il-qagħda tal-anzjani tagħna ħalli nkunu f'pożizzjoni aħjar biex nibqgħu dejjem inħarsu l-interessi tagħhom. L-i*Speaker* fakkar li din il-kollaborazzjoni bejn l-Uffiċju tiegħu u l-KNA ma bdietx illum għax, lura fis-sena 2019, fuq inizzjattiva tal-KNA u bi qbil mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, kienet saret laqgħa importanti oħra li kienet immirata biex tinkoraġġixxi s-solidarjetà interġenerazzjonali bejn iż-żgħażagħ u l-anzjani.

Illum, kompla jgħid Dr Farrugia, l-għadd tal-anzjani qiegħed dejjem jikber. F'Malta, l-anzjani jammontaw għal iktar minn kwart tal-popolazzjoni, qed jgħixu iktar fit-tul u l-ħtiġijiet tagħhom qegħdin dejjem jiżdiedu. Nirringrazzjaw 'l Alla, qal l-i*Speaker*, f'dawk li huma servizzi u kura mogħtija lill-anzjani, pajjiżna huwa minn ta' quddiem. Dan huwa frott kemm tal-valuri nsara li nħaddnu kif ukoll tal-prinċipji tas-solidarjetà soċjali li nemmnu fihom. Matul is-snin, gvernijiet differenti dejjem għamlu l-almu kollu tagħhom biex iżidu, u jkomplu jtejbu, is-servizzi offruti b'xejn lill-anzjani kollha tagħna. Saru riformi kbar, saħaq Dr Farrugia, li għadhom relevanti sal-lum għax dejjem hemm fejn tista' ttejjeb. Huwa importanti li l-anzjani jibqgħu attivi u, kemm jista' jkun f'saħħithom, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

L-i*Speaker* qal li l-anzjani huma riżorsa għax huma għajn ta' għerf imsaħħaħ mill-esperjanza tal-ħajja. Permezz ta' ħidmiethom, pajjiżna għeleb id-diffikultajiet tal-imgħoddi u għamel qabżiet kbar 'il quddiem. Fl-istess ħin, kompla Dr Farrugia, kienet deċiżjoni għaqlija li, fl-1992, twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani. Fi ħdanu, hemm affiljati għadd ta' organizzazzjonijiet u għaqdiet volontarji li kollha jagħtu s-sehem utli tagħhom biex tkompli titjieb il-qagħda tal-anzjani. Flimkien, dawn l-entijiet, iħabirku biex leħen l-anzjani jkompli jinstema' dejjem iktar. Permezz tat-talbiet, tar-rakkomandazzjonijiet u tal-proposti li dawn l-organizzazzjonijiet jagħmlu lill-awtoritajiet, ikomplu jitjiebu l-kwalità tal-ħajja u l-kura mogħtija lill-anzjani. **Issa, qal l-i*Speaker*, wasal il-waqt li l-awtoritajiet jikkunsidraw b'mod favorevoli li l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jkun rappreżentat fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (l-MCESD) biex ikun jista' jipparteċipa u jsemma' leħnu fid-djalogu soċjali flimkien mal-imseħbin l-oħrajn.**

Dr Anġlu Farrugia għamel referenza għal riżoluzzjoni tal-1991, approvata mill-Assemblea Nazzjonali tal-Ġnus Magħquda, li tinkludi pjan ta' azzjoni internazzjonali għall-anzjani. Dan id-dokument jitkellem fuq l-indipendenza u l-awtonomija tal-anzjani, il-ħidma siewja tagħhom, is-sehem importanti tagħhom fl-għaqdiet volontarji, il-mobilità, il-kura, il-milja tal-potenzjal u anki l-ħarsien tad-dinjità tagħhom. Hawn ukoll, kompla jgħid l-i*Speaker*, pajjiżna jitqabbel tajjeb ma' dawk il-pajjiżi li jieħdu ħsieb sewwa tal-anzjani tagħhom. Dr Farrugia fakkar li, fl-imgħoddi, l-anzjani għamlu ħafna sagrifiċċji u batew biex rabbew lil uliedhom u, għaldaqstant, issa, aħna għandna d-dover li nħallsu lura dan id-dejn soċjali li għandna magħhom.

Dr Anġlu Farrugia temm id-diskors tiegħu billi faħħar il-kontribut ta' dawk kollha li jaħdmu favur l-anzjani u awgura lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani iktar xogħol siewi u ta' fejda b'risq l-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.

Tkellem, imbagħad, **Peter Paul Bonnici**, President tal-KNA. Huwa fakkar li s-sena 2022 taħbat it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-KNA. Fl-istess ħin, it-30 ta' Settembru jaħbat lejliet il-Jum Dinji tal-Anzjani. L-iskop ta' din il-plenarja, kompla jgħid is-Sur Bonnici, huwa biex inwessgħu l-għarfien u nxerrdu t-tagħrif dwar il-qagħda preżenti tal-anzjani fis-soċjetà tagħna. Progress sar, qal il-kelliemi, imma ma rridux nieqfu hemm għax kull ħaġa fid-dinja tevolvi u taddatta ruħha skont iċ-ċirkostanzi u d-drittijiet tal-anzjani mhumiex eċċezzjoni.

Fl-*Age Platform Europe*, isiru proposti favur l-anzjani Ewropej kollha u, hemmhekk, għandna lis-Segretarju Internazzjonali tal-KNA, Dr Anthony Degiovanni, li huwa wkoll il-Viċi President tal-*Age Platform Europe*, li jimbotta u jixpruna biex ikun



żgurat li l-leħen u l-ħtiġijiet tal-anzjani Maltin u Għawdxin jingħataw widen biex l-interessi tal-anzjani tagħna jkunu kkonsidrati meta jsir it-tibdil meħtieġ fil-leġislazzjonijiet relattivi.

Aspett ieħor ta' din il-plenarja, kompla jgħid is-Sur Bonnici, huwa li nġibu għall-attenzjoni tal-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż dawk in-nuqqasijiet fis-soċjetà tagħna li, sfortunatament, xi drabi, anki jieħdu forma ta' abbuż taħt il-forom kollha tiegħu.

Anki l-President tal-KNA huwa tal-fehma li l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għandu jkollu postu fl-MCESD. Dan biex il-vuċi tal-anzjani tasal sal-ogħla istituzzjonijiet tal-pajjiż fejn jiġu diskussi l-problemi u fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet importanti li jwasslu għar-riformi meħtieġa li jolqtu lill-anzjani tagħna. Bħalissa, temm jgħid il-President tal-KNA, dan għadu mhux qed isir bil-konsegwenza li, fuq livell nazzjonali, il-leħen tal-anzjani ma jasalx kif jixraq għall-attenzjoni tal-leġislatur li jaħmi dawk il-liġijiet li jrendu l-ħajja tal-anzjani aktar ġusta u, fuq kollox, aktar dinjituża.

Permezz ta' *video-clip*, għamel l-intervent tiegħu s-Segretarju Ġenerali tal-*Age Platform Europe*, **Dr Maceiji Kucharczyk** li qal li, fl-Ewropa, qed jevolvi mod ġdid kif nittrattaw dak kollu li għandu x'jaqsam mal-anzjani. Il-*human rights-based approach* hija bidla fil-mentalità li, minflok titkellem fuq nuqqasijiet u ħtiġijiet, tiffoka fuq id-drittijiet tal-anzjani. Dan il-mod ġdid kif naħdmu jirrispetta d-dritt fundamentali tal-istess trattament lil kulħadd irrispettivament mill-età.



Il-*human rights-based approach* jistrieħ fuq erba' pilastri li huma: qafas ta' drittijiet tal-bniedem, parteċipazzjoni u *empowerment*, trattament ugwali mingħajr diskriminazzjoni u akkontabilità u monitoraġġ.

Il-kelliem kompla jgħid li, fl-*Age Platform Europe*, huma qed jaħdmu kemm għal strateġija ta' ugwaljanza fl-età fuq livell Ewropew kif ukoll biex tkun addottata konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-anzjani mill-Ġnus Magħquda fuq livell internazzjonali.

Strateġija Ewropeja tiffaċilita l-bidla tan-narattiva fejn tidħol l-età, tinkludi l-miżuri meħtieġa biex tikkumbatti d-diskriminazzjoni minħabba l-età u tizgura l-konsistenza fl-impenn tal-istati membri. Barra minn hekk, din tkun ukoll biċċa għodda Ewropeja effettiva biex tippromwovi s-solidarjetà interġenerazzjonali u anki l-istess drittijiet fl-etajiet kollha.

Mill-banda l-oħra, qal Dr Kucharczyk, konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-drittijiet tal-anzjani tkun torbot legalment, tizgura li d-drittijiet tal-anzjani jkunu kkonsidrati b'mod konsistenti mis-sistemi tal-Ġnus Magħquda, toħloq għarfien tal-barrieri strutturali li jiffaċċjaw l-anzjani, tiffurmola gwida konkreta dwar kif il-gvernijiet jistgħu jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-anzjani u tagħmilha aktar diffiċli li prattiċi diskriminatorji minħabba l-età jkunu tollerati.

Wasal iż-żmien, ikkonkluda l-kelliemi, li d-drittijiet tal-anzjani jkunu assigurati, rispettati u protetti. Il-*human rights-based approach* huwa mod kif strumenti legali dwar id-drittijiet tal-bniedem indawruhom f'*policies* effettivi u realtajiet prattiċi. Filwaqt li l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u *standards* jipprovdu gwida għal x'għandu jsir biex jinkisbu l-ħelsien u d-dinjità għal kulħadd, il-*human rights-based approach* jenfasizza l-mod kif jinkisbu d-drittijiet tal-bniedem.

Wara l-ewwel introduzzjonijiet, saru għadd ġmielu ta' interventi qosra minn diversi esponenti li jirrappreżentaw, tista' tgħid, is-setturi kollha tas-soċjetà Maltija. Dawn kienu miġburin taħt erba' taqsimiet:

Awtonomija u awtodeterminazzjoni;
Abbużi fiżiċi, psikoloġiċi u emozzjonali;
Abbużi finanzjarji, diġitali u prokuri; u,
Salvagwardja u sigurtà; it-triq 'il quddiem.

Taħt l-ewwel taqsima, Awtonomija u Awtodeterminazzjoni, bdiet **Marica Cassar**, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi u Ġbir ta' Fondi, CARITAS, Malta. Marica Cassar tant għamlet intervent ħelu, imsawwar bi ġrajjiet umani li jmissu l-qlub, li tiġini reqqa nnaqqas minnu. Hija qalet hekk:



"Tliet snin ilu, għalaqt ħamsin sena u nammetti li għaddejt minn kriżi. Ħassejtni li, ladarba qbist in-nofs seklu, ħajti riesqa b'ġirja lejn ix-xjuħija. Ma ridtx inħalli din il-kriżi ttawwal imma xtaqt nifhem għala kont qed inħossni hekk. Kien żmien meta kont inżur iz-zija f'dar tal-anzjani. Kienet persuna ferriħija imma, meta daħlet f'dik id-dar, ingħalqet fiha nfisha. Kif jista'

jkun li persuna, li tant tkun għamlet f'ħajjitha u tant serviet is-soċjetà, tispiċċa hekk, litteralment stivata f'kuritur, bilqiegħda fuq siġġu ħdejn oħrajn, jiċċassaw fil-vojt?

Ħakimni sens ta' diżappunt u apatija lejn il-ħajja. Kif tista' taċċetta li taħdem u tistinka meta, wara żmien relattivament qasir, tispiċċa fuq siġġu f'kuritur tistenna l-mewt? Kont nieqaf inkellem anzjani li jkunu waħedhom. Waħda qaltli, "Jien kont Kap ta' Skola; dejjem imdawra bit-tfal u l-ġenituri. Fejn qatt kont nobsor li kelli nispiċċa magħluqa hawn mingħajr ħadd ma jafni? Hawnhekk, ma tiddeċiedi xejn! Filgħodu jqajmuk u jgħidulek biex tmur fil-kamra tal-banju. Wara jgħidulek biex tmur għall-*breakfast*. Imbagħad tibda l-istennija għall-ħin l-ikel. "Ejjew ħa tieklu!" U aktar stennija fil-kuritur sakemm jasal *sandwich* kmieni filgħaxija u, wara, jgħidulek, "Isa ħi, ejja ħa tidħol torqod!" u jien ma niddeċiedi xejn. Kemm kelli ħolm għal meta nixjieħ! Inkun kabbart lil uliedi u noqgħod nitpaxxa nħares lejhom. Kemm għarrali! Siefru u bqajt waħdi u jien ma niddeċiedi xejn! It-tmun qatt mhu f'idi."

Fl-2015, l-Università tat-Terza Età talbuni nagħmel sensiela ta' laqgħat ta' motivazzjoni bit-titlu, 'Id-drama fil-ħajja ta' kuljum'. F'dawn il-laqgħat, kont nagħmel enfasi kif tikseb l-awtonomija u tkun determinat fid-direzzjoni fejn trid tasal. Ma tistax tagħmel vjaġġ sura jekk il-karozza ma ssuqhiex inti stess.

Waħda mill-mistoqsijiet li kont nagħmel hija: "Kellek xi ħolma li bqajt ma wettaqtha qatt?" Wieħed anzjan ġie ħdejja u qalli li, minn tfulitu, dejjem xtaq idoqq il-vjolin. Missieru ma ħalliehx għax ma kellhomx flus, la biex jixtru vjolin u lanqas għal-lezzjonijiet. Kien determinat li, meta jikber, l-ewwel ħaġa li jagħmel meta jibda jaħdem tkun dik li jixtri vjolin. Imma lanqas hawn ma rnexxielu għax iltaqa' ma' tfajla u bdew jaħsbu biex jiżżewġu. "Ma tarax! Tixtri vjolin? Mhux aħjar inkomplu nimlew id-dar? U mela tixtri vjolin!" Mela, la nimlew id-dar, qal. Imma, imbagħad, ġew it-tfal. Kemm irsista magħhom biex, forsi, minn tliet ulied, almenu, xi ħadd minnhom jitgħallem idoqq il-vjolin! Imma ħadd ma kien interessat u, illum, għandu tmenin sena u baqa' bix-xewqa. Xi jżommok illum, staqsejtu. Issa ma tarax, qalli. U ħallieni b'hekk.

Fl-aħħar sessjoni li kelli magħhom, rajt lil dak l-anzjan ġej għal-laqgħa b'kaxxa sewda f'idu u b'wiċċu jixgħel bil-ferħ, qalli, "Xtrajtu l-vjolin, u bdejt immur għal-lezzjonijiet ukoll. Kellek raġun! X'għandi xi jżommni milli nagħmel hekk?" Hekk tkun id-determinazzjoni biex tasal fejn tkun tixtieq! Imma, tgħid, jekk jidħol f'dar tal-anzjani, iħalluh idoqqu?

Kemm-il darba nħarbtu l-ħolm ta' ħaddieħor; anki ta' persuni li nħobbu? Meta nkunu żgħar, bosta drabi, l-għeżież tagħna stess jiskoraġġuna milli nwettqu ħolmitna. Imbagħad, meta nilħqu l-età meta naħsbu li nistgħu niddeċiedu, insibu min jgħidilna, "Iss' int baqagħlek żmien?" Għaliex le? Għaliex ma nħallux persuna tiddeċiedi hi xi trid mill-ħajja? Speċjalment, meta jasal iż-żmien sabiħ tal-mistrieħ. Xi jżommna milli nagħmlu dak li nixtiequ?

Il-bniedem jagħmel ħajtu kollha jikkmandah xi ħaddieħor. Meta jkun żgħir, jikkmandawh il-ġenituri u l-għalliema. Meta jibda jaħdem, jikkmandawh ta' fuqu. Jikkmandak ir-raġel jew tikkmandak il-mara; jikkmandawk it-tfal u, kultant, anki t-tfal tat-tfal. Lanqas fi xjuħitna ma nistgħu niddeċiedu għalina nfusna. Meta ser nifhmu li, meta persuna tħalli darha biex tidħol f'dar tal-anzjani, diġà tħossha mneżża' minn dak kollu li tkun imdorrija bih. Toħroġ minn dar mimlija bl-isbaħ tifkiriet ta' ħajjitha biex tibda tagħmel dak li jgħidilha ħaddieħor! Għala ma nisimgħux iktar x'jixtiequ l-anzjani nfushom maqfula f'*home*? Għala ma nħalluhomx joħolmu u jkunu iktar awtonomi fl-aħħar fażi ta' ħajjithom? Għala ma jistgħux idoqqu l-vjolin?"

**Josiah Grech**, *General Manager* ta' dar tal-anzjani u Membru tal-KNA għamel intervent qasir dwar it-tifsira tal-kliem 'awtonomija u awtodeterminazzjoni'. Huwa qal li, meta ngħidu li persuna għandha tkun awtonoma u awtodeterminata, prinċipalment, ifisser li tkun tista' tieħu d-deċiżjonijiet fuq l-aspetti kollha li jirrigwardaw lilha, anki fi kwestjonijiet ta' saħħitha. Dan, tista' tgħid, kulħadd jafu imma, safrattant, għal diversi raġunijiet, mhux dejjem ikun rispettat mill-*istakeholders* kollha, inklużi xi professjonisti.



Is-Sur Grech ammetta li, mill-esperjenza tiegħu mal-anzjani, jaf li, meta nikbru, mhux kulħadd jibqa' jħossu kapaċi jieħu ċerti deċiżjonijiet u, minn rajna, nippreferu nħallu lil uliedna, jew lil xi qraba tagħna oħra għeżież għalina, biex jiddeċiedu huma. Barra minn hekk, fi kwestjonijiet ta' saħħa, meta, u jekk, tqum il-mistoqsija, 'x'inhi x-xewqa tal-anzjan', kulħadd jibża' jieħu r-responsabbiltà u, ġeneralment, inħallu f'idejn it-tabib li, wara kollox, mhux dejjem ikollu konoxxenza sħiħa tal-pazjent.

Għaldaqstant, is-Sur Grech qal li, bħala soluzzjoni, li jista' jsir hu li, meta anzjan jew anzjana jkunu għadhom fi stat mentali tajjeb, jistgħu jaħtru persuna tal-fiduċja tagħhom u jitkellmu magħha dwar dak li jixtiequ huma għalihom infushom biex, meta jasal il-waqt, tieħu ħsieb saħħithom skont xewqathom stess. Meta tinqala' l-ħtieġa, dawn l-ispeċi ta' prokuraturi tas-saħħa għandhom jitħallew ikunu preżenti mal-anzjani f'kull appuntament mediku li jista' jkollhom u, b'hekk, ikunu jistgħu jgħinu lill-professjonisti jieħdu ċerti deċiżjonijiet fid-dawl ta' dak li jippreferu l-istess anzjani.

Tkellmet imbagħad **Josephine Muscat**, *Service Manager, Health Services*, Aġenzija Appoġġ, li ddefiniet il-kliem, 'awtonomija u awtodeterminazzjoni' bħala dik l-abbiltà li persuna taġixxi u tiddeċiedi hi skont

il-valuri u l-interessi tagħha. Normalment, hekk għandu jkun imma, meta persuna ma tkunx fiżikament u/jew mentalment kapaċi teżerċita dan id-dritt, l-awtonomija sħiħa ta' dik il-persuna mhux dejjem tkun tista' tiġi rispettata.



Is-Sinjura Muscat innutat li, ġeneralment, anzjani li jgħixu fil-kommunità huma aktar awtonomi minn oħrajn li jgħixu f'kura residenzjali. F'dan ir-rigward, saħqet is-Sinjura Muscat, għandu jsir aktar sforz biex anzjani f'kura residenzjali wkoll igawdu minn awtonomija sħiħa. Jekk persuna hija kapaċi tieħu deċiżjoni u, sakemm dan ma jkunx ta' theddida għas-sigurtà tagħha jew tal-oħrajn, id-deċiżjoni tagħha għandha tkun rispettata, anki jekk l-impjegati jew il-qraba ma jaqblux magħha.

Wieħed jifhem li, biex tinżamm l-ordni, f'dar residenzjali jrid ikun hemm ċerti regoli u proċeduri. Imma wieħed jifhem ukoll li ċerti eċċezzjonijiet li jagħmlu sens għandhom ikunu aċċettati. Ħin l-irqad huwa eżempju klassiku. Għaliex persuna għandha tkun kostretta tidħol fis-sodda mas-sitta ta' filgħaxija jekk hija kapaċi tiddeċiedi hi għaliha nnifisha xħin tixtieq tidħol torqod? Huwa minnu wkoll li l-impjegati jkollhom il-problemi tagħhom biex ilestu u jippreparaw lil kulħadd, speċjalment fil-kaz ta' residenti li ma jkunux mobbli. Imma din m'għandhiex tkun skuża biex nittrattaw lil kulħadd l-istess.

Huwa importanti, temmet tgħid Josephine Muscat li l-anzjani tagħna, sew dawk li jgħixu fil-kommunità kif ukoll dawk fi djar residenzjali, jingħataw ir-rispett li jixirqilhom anki f'dik li hi awtonomija għax din ma tispiċċax malli wieħed jilħaq l-età tal-pensjoni.

Il-President, Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, **Charles Micallef**, rabat l-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni mal-indipendenza finanzjarja. Minħabba li l-kotra assoluta tal-anzjani huma pensjonanti, il-pensjoni tagħhom trid dejjem tkun sostnuta u mħarsa biex tkun biżżejjed ħalli min jirċeviha jkun jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu mingħajr ma jkollu għalfejn jirrikorri għal għajnuniet u soluzzjonijiet oħrajn. Jekk il-pensjoni ma tkunx adegwata u ma tkunx biżżejjed biex tgħin lil dak li jkun ħalli jgħix kwalità u livell ta' ħajja diċenti, id-dritt tal-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni tiegħu jkun imxekkel bil-kbir. Dan għax ma jistax ikollok awtonomija u awtodeterminazzjoni ta' vera jekk, fl-istess ħin, ma tkunx finanzjarjament indipendenti.



Filwaqt li stqarr li mhux kollox huwa ward u żahar, il-President tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti semma għadd ta' nuqqasijiet u problemi relatati mal-pensjonijiet li huwa jħoss li għandhom ikunu indirizzati mill-awtoritajiet kompetenti biex tassew inkunu nistgħu ngħidu li l-anzjani pensjonanti tagħna verament ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw id-dritt tal-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni tagħhom.

Kien imiss issa lil **Dr Maria Aurora Fenech**, Lettur fid-Dipartiment tal-Ġerentoloġija u Studji fid-*Dimentia* li għamlet ġabra ta' riflessjonijiet relatati mal-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni li rriżultaw minn riċerka li saret minn grupp ta' studenti li jattendu programm ta' studju fid-Dipartiment tal-Ġerentoloġija u studji fid-*Dimentia*. Dan l-istudju sar fuq għadd ta' anzjani li jgħixu f'istituzzjonijiet lokali u, prinċipalment, juri kif id-dinamika tal-ħajja fis-soċjetà tal-lum tinbidel minħabba l-età.



L-intervent ta' Dr Fenech kien ippreżentat f'forma ta' ittra miktuba minn anzjana fittizja ta' sitta u tmenin sena, jisimha Martha, li fiha telenka l-ilmenti tal-anzjani f'dak li għandu x'jaqsam mal-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni tagħhom.

"Mhux faċli," tgħid Martha, "li tagħżel u tippjana ħajtek, li tkun involuta, li ssemma' leħnek u li taħdem għall-għanijiet tiegħek meta tkun tiddependi minn ħaddieħor. Jgħiduli li d-deċiżjonijiet li jieħdu huma intiżi biex jissalvagwardjaw l-interessi tiegħi. Imma lili min staqsieni kif naħsibha? Min spjegali x'qed jiġri? Fl-aħħar, tispiċċa taqta' qalbek, tieħu l-aktar triq ħafifa, ma titkellem xejn u tipprova tikkonforma mill-aħjar li tista'. Meta m'għandekx rajk f'idejk, it-triq xejn mhi faċli. L-i*staff* jipprova imma l-aħħar kelma qatt mhi tiegħi!

Tisma' professjonisti jgħidu li persuna anzjana, jew persuna li tbati mid-*dimentia*, trid tkun fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Allura għaliex, meta kelli problema medika, it-tim talab laqgħa ma' wliedi biss u lili ma nkludewnix? Wara kollox, il-problema taffettwa lili b'mod dirett. Hemm bżonn li jien inkun involuta mhux jien fin-nofs u huma jiddiskutu u jiddeċiedu minn fuq rasi. Bħal kulħadd, jien ukoll għandi l-imgħoddi, il-preżent u l-ġejjieni tiegħi. L-età ma tagħti dritt lil ħadd jiddeċiedi l-preżent u l-ġejjieni tiegħi!

Jiena twelidt biex ikolli ġejjieni; ġejjieni mal-familja, ġejjieni mal-ħbieb, ġejjieni fis-soċjetà, ġejjieni fejn nista' nippjana u niddeċiedi. Irrid inkun parti minn dan il-ġejjieni u nista' nkun parti minn dan il-ġejjieni biss jekk ningħata l-ispazju biex inkun jiena!"

# Il-Liżar ta' Turin – Il-ħames parti

**Kitba ta' Anthony Cardona**

**Ir-riċerka xjentifika**



Fl-1973, Max Frei, gradwat fil-botanika u espert fil-palinoloġija, ix-xjenza li tistudja t-traċċi mikroskopiċi ta' materjali, kien imqabbad imexxi kummissjoni ta' riċerka fuq il-Liżar ta' Turin. Bħala protestant, żgur li ma kellu ebda interess jemmen fir-relikwi kattoliċi. Però, ħadd daqsu ma kien jifhem fil-palinoloġija tal-pjanti Mediterranji. Meta Frei eżamina l-Liżar, sab ammont ta' trab atmosferiku fuqu u ngħata l-permess jieħu tnax-il kampjun biex janalizzahom. Biex ma jagħmilx ħsara lil-Liżar, huwa ħa l-kampjuni tiegħu billi mess tejp li jwaħħal mal-Liżar mingħajr ma kellu għalfejn jaqta' minnu. Wara li għamel tliet snin jistudjahom, sab traċċi ta' polline ta' pjanti li jeżistu fi Franza u fl-Italja imma wkoll traċċi ta' pjanti oħrajn li jikbru fil-Lvant Nofsani. Huwa sab li l-iktar polline komuni fuq il-Liżar kien ġej mill-għadira ta' Ġenneżaret u l-Baħar Mejjet u li kienu ilhom depożitati fuq il-Liżar għal madwar elfejn sena. Fl-1978, Frei reġa' ngħata l-permess biex ikompli l-istudji tiegħu imma, sfortunatament, huwa miet fl-1983 bla ma laħaq ippubblika r-riżultati konklussivi tiegħu. L-istudji ta' Max Frei juru li l-Liżar kien fil-Palestina qabel ma nġieb fl-Ewropa u kien ukoll f'Edessa u f'Kostantinopli.

Sa mill-1976, il-fiżiku John P. Jackson u x-xjenzat tat-termodinamika Eric Jumper, flimkien mal-fotografu William Mottern utilizzaw xi ideat meħudin mix-xjenza erospazjali tan-NASA li jibnu immaġinijiet tridimensjonali tal-pjaneta Mars. Huma wżaw din it-teknika u għamlu esperimenti fuq ir-ritratti tal-Liżar li kienu disponibbli dak iż-żmien. Imbagħad, f'Marzu tal-1977, stiednu lil grupp ta' xjenzati oħrajn biex jingħaqdu magħhom ħalli jistudjaw il-Liżar. L-ewwel ma ltaqgħu kien f'Albuquerque, New Mexico, l-Amerka. Meta wasal l-erba' mitt anniversarju tal-Liżar f'Turin, l-awtoritajiet esponewh fil-pubbliku mis-27 t'Awwissu sat-8 t'Ottubru 1978 u marru jarawh mat-tliet miljun ruħ. Wara din il-wirja, it-tim ta' esperti xjentifiċi ngħataw il-permess biex, fi żmien ħamest ijiem, janalizzaw il-Liżar minn għadd ta' lati xjentifiċi bit-teknika ġdida tagħhom. Mat-tliet xjenzati oriġinali, ingħaqdu, fost oħrajn, Tom D'Muhala, fiżiku nukleari, Raymond Rogers, kimiku termali, Ron London u Roger Morris, mil-Laboratorju Nazzjonali ta' Los Alamos, Don Lynn, mill-*Jet Propulsion Laboratory-Pasadena*, John Heller, bijofiżiku, Vern Miller u Barrie Schwortz, fotografi, Sam Pellicori, fiżiku ottiku, John D. German u Rudy Dichtl, esperti fil-qawwa elettrika u Robert Bucklin, patoloġista forensiku. Dawn ix-xjenzati damu ħamest ijiem janalizzaw il-Liżar bir-reqqa kollha bla waqfien. Il-proġett tagħhom kien jismu, *Shroud of Turin Research Project (STURP)*. Huma ddeċidew li ma jagħmlu xejn li ma jkunx jista' jiġi vverifikat xjentifikament u l-oġġettiv prinċipali tagħhom kien li jaraw jekk l-immaġini fuq il-Liżar kinitx pittura jew le. Minn analiżi xjentifika dettaljata ta' x'jiġrilha pittura li tkun ġarrbet ħsarat bin-nirien, fuq il-Liżar, *STURP* ma sabu ebda evidenza jew traċċi ta' pigmenti li jintużaw fil-pittura. Għalkemm Walter McCrone qal li l-immaġini kienet impinġija bl-ematite, trab mineroloġiku lewn id-demm, l-esperti ma sabu ebda traċċa ta' dan il-minerali. It-tim ta' *STURP* ġabru salt kampjuni bit-tejp li jwaħħal minn diversi partijiet tal-Liżar u damu mat-tliet snin janalizzawhom bid-dettalji kollha. Fl-aħħar, ħarġu rapport finali u kkonkludew hekk: "*Nistgħu niddikjaraw li l-immaġini fuq il-Liżar hija ta' bniedem uman li kien ifflaġellat u msallab. L-immaġini żgur li mhijiex prodott ta' xi artist. It-tbajja' tad-demm huma magħmulin minn emoglobina u jagħtu riżultat pożittiv għat-test tas-serum albumina. Però, ma nafux kif l-immaġini setgħet saret fuq il-Liżar. F'dan ir-rigward, jeħtieġ iktar studju fiżiku u kimiku biex jinħall dan il-misteru.*"

## It-Taraġ

**storjella ta' Jordy-Paul Ġellel**

Meta Toni għalaq sittin, it-taraġ ma baqax jiflaħ għalih bħal qabel. Id-dar kienet b'żewġ sulari. Toni romol żgħir u t-tfal iżżewġu imma d-dar ma riedx jitlaqha. Kien fiha wisq memorji! Baqa' jgħix fiha; tiela' u nieżel l-indani skont il-ħtieġa. "Dat-taraġ għad joqtolni!" kien igedwed.

Meta għalaq tmenin, waħħal siġġu minn dawk li jtellgħek it-taraġ. Imma xorta baqa' jgerger għax kien jaħdem bil-mod. "Jilħaq il-Mulej jeħodni u nkun għadni tiela!" kien jgħid. Jum wieħed, is-siġġu weħel. Toni qam biex jara x'inqala', is-siġġu reġa' qabad jaħdem b'iktar saħħa, tah daqqa fuq rasu, fixlu, tgerbeb it-taraġ, kiser għonqu u baqa' sejjer id-dinja l-oħra.

Ta' Malti li kien, Toni stenna li se jilqgħu San Pietru nnifsu. Imma, b'iktar minn mija u ħamsin elf wasla kuljum, Pietru kien iħalli dan ix-xogħol f'idejn l-anġli. Wara siegħa jifli r-reġistri, l-anġlu ġġudikah tajjeb għall-ġenna u wrieh fejn għandu jmur. Imma m'għaddewx ħames minuti li ma reġax ġie lura. "Ara x'se tagħmel, bagħbas il-kotba kemm trid, basta tibgħatni l-infern!" ordnalu. L-anġlu skanta; qatt qabel ma kien iltaqa' ma' xi ħadd li pprefera l-infern flok il-ġenna. "Jien ħsibt li se niġi hawn biex nistrieħ," spjegalu Toni. "Taf kemm trid titla' taraġ biex tasal hemm fuq?"

# Kemm kien imqareb!

**Kitba ta' Carmen Dimech**



Kultant, lil Salvu tiegħi, nistħajlu għadu hawn ħdejja, b'dik it-tbissima fuq fommu, jirrakuntali kemm kien jagħmel praspar sa minn meta kien imur l-iskola tan-Nuna. Fil-klassi, għand is-sorijiet, kienu mħalltin, bniet u subien. Salvu kellu manija. Il-bniet, b'xagħarhom twil, miġbud malji u marbut b'ċoff fit-tarf ma kienx jista' għalihom. Darba, sab xafra milli kien juża missieru biex iqaxxar il-leħja, ħadha miegħu l-iskola u l-ewwel tifla li ġiet fil-bank ta' quddiemu qatgħalha l-malju minn nofs. Meta t-tifla marret lura d-dar, tistgħu taħsbu ommha kif baqgħet u b'liema rabja marret tiġri l-iskola għas-sodisfazzjon! Is-soru weħlet! It-tfal kollha qalu li ma kienu jafu xejn.

Darb' oħra, meta beda jitfarfar, ħajjar lil tnejn minn sħabu jmorru jfittxu tank tal-erba' galluni u jġorruh sa ħdejn l-ispiżerija tas-Sur Dante. Hemmhekk, kien ikun hemm għadd ta' nisa bilqiegħda aljenati jitħaddtu jistennew sakemm jarahom it-tabib. Meta t-tfal kienu jaslu qrib, kienu jgħollu dak il-mniefaħ tank u jħalluh jaqa' b'ħoss li jtarrax quddiem l-ispiżerija u jitilqu jiġru. M'hemmx għalfejn ngħidilkom kif kienu jinħasdu dawk in-nisa, xi wħud minnhom tqal, u qata' bħal dik setgħet kienet ta' dannu wkoll. Imma tfal ta' disa' snin, dawn l-affarijiet ma jaqgħulhomx f'rashom. Għalhekk ngħidu, 'għaqal tat-tfal'.

U kemm kienu jagħtu fastidju billi jċemplu l-qniepen tal-bibien tan-nies għalxejn! Sempliċiment biex jieħdu gost jaraw lil dak li jkun jittawwal mill-gallerija u jgħajjat, "Min?" Jew jinżel jiftaħ il-bieb ħalli jara min ġie u ma jsib lil ħadd, u jidħqu daħqa.

Salvu trabba ħdejn il-Palazz tal-Baruni, triq mimlija siġar kbar u folti. Meta kien tifel, kien jitla' magħhom qisu mhux hu u joqgħod jiddendel minn fergħa għal oħra jilgħab ta' *Tarzan*. Meta kienu jarawh il-ġirien, erħilhom jgħajtu, "Inżel minn hemm, ja mingħul, għax taqa' minn hemm fuq għal isfel u taqsam rasek salib jew tikser saqajk!"

"Fadallek x'tirrakonta Salv?" kont ngħidlu.

"U żgur li fadal!" kien jgħidli, "Għadek ma smajt xejn! Darba lmaħt żewġt iqtates reqdin għax-xemx, mort bil-mod minn warajhom u rbattilhom denbhom ma' xulxin. U jien, ta' tifel li kont, tgħidx kemm għoxejt bid-daħq xħin rajthom iduru u jaqgħdu biex jippruvaw jinħallu u jinħelsu!"

Darb' oħra qalli li, f'maħżen fil-qrib fejn kienu joqogħdu, kienu jagħsru l-għeneb, jimlew il-btieti u jħalluhom fuq il-bankina sakemm jiġu għalihom bit-trakk u joħduhom il-fabbrika biex jiffermenta u jkun tajjeb biex jimlewh fil-fliexken. Salvu kellu zijuh bil-ħanut tal-*grocer*. Dak iż-żmien, l-għaġin kien bir-razzjon, kien jinbiegħ bl-użin u l-imqarrun ma kienx ikun imqatta' żgħir fil-pakketti jew fil-boroż, bħal-lum. Kull imqarruna kienet tkun twila xi pied u nofs. Salvu tiegħi ġietu idea brillanti, mar għand zijuh, ġab imqarruna, mar biha fejn il-btieti, neħħa t-tapp tas-sufra ta' waħda minnhom, daħħal l-imqarruna fit-toqba u beda jixrob. Tgħidx kemm niżillu ħelu għasir-il għenba imma, xħin ipprova jimxi, storda u lanqas jaf kif wasal id-dar. Li ftakar kien biss li, dakinhar, qala' xebgħa papali!" U kien ħaqqu, ngħiduha kif inhi.

Hawnhekk, Ħaż Żebbuġ, tista' tgħid li kulħadd bil-laqam. Jekk tistaqsi għal xi ħadd b'ismu, għandek ċans kbir li ma tinqediex imma, jekk tistaqsi għalih, jew għaliha, bil-laqam, x'aktarx li kulħadd jgħidlek. Darba, meta Salvu kien fil-primarja, kellu għalliem li l-familja tiegħu kienu jgħidulhom, 'Ta' Psipsu'. Dan l-għalliem kuxjenzjuż kien jinsisti li t-tfal jitgħallmu jaqraw. Biex iħajjarhom, kien isibilhom xi storja interessanti, jibda jaqrahielhom hu u, meta jarahom qed jinteressaw ruħhom, jitlob lil xi ħadd minnhom jaqra biċċa. Darba, beda jaqralhom storja dwar esploratur tal-Pol Artiku jismu, *Sir John Simpson*. It-tfal kienu attenti jisimgħuh jaqra u jsegwu bil-ktieb miftuħ quddiemhom xħin, f'daqqa waħda, l-għalliem waqaf u qal: "Issa kulħadd jaqra biċċa! Ibda int Dimech!" U Salvu, iktar ilaqlaq milli jaqra, ħares lejn il-ktieb u beda jgħid: "Dan l-esploratur kuraġġuż kien jismu *Sir John Psipsu!"* Naturalment, il-klassi kollha nfexxet tidħaq kemm tiflaħ! Kulħadd daħaq! L-għalliem biss ma daħaqx għax, lil Salvu, qabdu minn sidru u ħabbtu mal-*cupboard* li fih kien iżomm il-kotba u l-pitazzi tat-tfal. Wara ħafna snin, meta r-raġel tiegħi kellu xi sebgħin sena, reġa' ra lil dak l-għalliem bilqiegħda fuq siġġu tar-roti fil-parapett tad-dar fejn kien joqgħod. Resaq lejh, sellimlu imma Ta' Psipsu m'għarfux. U Salvu, bi tbissima, qallu: "Tiftakar *Sir*, meta ħabbattni mal-*cupboard*?"

Ngħidilkom is-sewwa, din li ġejja, meta kont nismagħha, kont inħoss qalbi tingħafas xi ftit u ma kontx inkun nista' niddeċiedi jekk, lill-għażiż żewġi li, fiż-żmien li seħħ dak li ser nirrakuntalkom, ma kellux aktar minn tmien snin, għandix inpoġġih fil-kategorija tal-aktar tfal fidili, jew ubbidjenti, jew imsieken, jew imqarbin. Ma nafx! Iddeċiedu intom!

Kien hemm żmien meta ommu kienet tqajmu fit-tlieta u kwart ta' filgħodu biex imur il-knisja, jistennieha tiftaħ għall-quddiesa tal-ewwel, li kienu jgħidulha tal-kaċċaturi, biex iqassam is-siġġijiet lil kull min kien jiġi jisma' l-quddies. Fil-jum ta' qabel, wara li tagħlaq il-knisja, is-siġġijiet kienu jinġabru u jiddaħħlu s-Sagristija ħalli, filgħodu, min jiġi l-knisja, kien irid iħallas dik is-sitt ħabbiet jew sold biex jingħata siġġu.

Salvu kien jgħidli li dawk l-istess siġar li tant kienu jħajruh jitla' magħhom matul il-jum, kienu jwaħħxuh billejl, speċjalment, fix-xitwa, meta jkun dak ir-riħ. Allura kien jgħaddi jiġri kemm jiflaħ minn ħdejn il-Palazz tal-Baruni. Mur għid lili nqajjem lil xi ħadd minn uliedi fit-tlieta u kwart ta' filgħodu biex jgħaddi minn esperjenza bħal din! Imma Salvu kien jobdi u jmur.

Is-sitt ħabbitijiet u s-soldi kollha li kien jiġbor kien irid jgħaddihom lis-sagristan. Dan, minn naħa tiegħu, kien jagħtih xi ħaġa żgħira bħala ħlas ta' xogħlu imma, meta jmur lura d-dar, dawk il-flus kienet tixrobhomlu ommu u għalih ma jibqa' xejn. Darba ġietu l-idea brillanti li jsib lil xi ħadd aljenat, għarkupptejh jagħmel vista, joħodlu s-siġġu minn warajh mingħajr ma jħallih jinduna, jerġa' jbigħu lil xi ħaddieħor u jżomm

il-flus għalih ħalli jkollu biex jixtri l-ħelu. Naturalment, meta jqum minn għarkupptejh biex, mingħalih, joqgħod bilqiegħda, dak li jkun x'aktarx jispiċċa jmur għal dahru. Ngħid id-dritt, ma dħaqtx meta qalhieli; x'aktarx qabżitli demgħa. U meta r-raġel qaddis li kelli nduna li din l-istorja ma tantx niżlitli tajjeb, qalli li darba biss għamilha għax beża' li, jekk jinduna s-sagristan, min jaf x'kien jagħmillu!

Toqgħod taħseb, Salvu tiegħi twieled fl-1933. Jiġifieri t-tfulija tiegħu kienet fl-eqqel tal-gwerra. Veru li, ġo Ħaż Żebbuġ, il-gwerra ma tantx inħasset. Infatti, bosta kienu dawk li, mill-ibliet ta' madwar il-portijiet, sabu ruħhom refuġjati hawn dak iż-żmien. Imma xorta tiskanta kif f'dak iż-żmien ikrah, dak id-daqsxejn ta' tfajjel iktar kien ħsiebu biex jaqta' l-malji tal-bniet, jew jagħti fastidju n-nies, jew jorbot dnieb il-qtates flimkien, jew jixrob għasir il-għenba bl-imqarruna u jilgħab ta' *Tarzan* fuq is-siġar tal-Palazz tal-Baruni milli fil-bombi qerrieda tal-għadu! Kos hux, kemm kien imqareb ir-raġel tiegħi meta kien għadu żgħir! Daqstant ieħor kien bil-għaqal meta sirt nafu jien!

---

# Mill-ktieb tat-tifkiriet *'Fjuri li ma Jinxfux'*

**tal-Prof. Oliver Friggieri**




## Ix-Xagħra: ġiri u dixxiplina

Għall-waqfa tal-mistrieħ tal-għaxra ta' filgħodu, konna noħorġu mis-Seminarju u nimxu f'ringieli ta' tnejn tnejn lejn ix-Xagħra li kienet għadha medda art waħda, bajda, b'ġebel żgħir. Hekk kont nafha x-Xagħra dejjem, differenti ħafna minn kif imbagħad tbiddlet illum. F'dik il-fetħa kbira, konna nimirħu u nilagħbu għal madwar kwarta jew ftit aktar. Kull klassi kellha r-roqgħa tagħha fejn stajna nagħtu xutt lill-ballun jew nitlajjaw u nitkellmu aħna u nieklu l-kolazzjon (jekk ma jkunx ittiekel qabel, bil-moħbi, minn taħt il-bank, waqt xi lezzjoni bejn it-tmienja u l-għaxra!). Għal min minna kellu sold żejjed jew ftit ġuħ ieħor, kien hemm il-ħwienet matul Misraħ San Kalċidonju u hemm stajt tagħżel bejn il-pastizzi tal-piżelli u tal-irkotta u l-ħobż Malti biż-żejt mimli bit-tadam u ħwawar oħra. Il-ħobż biż-żejt, waħda mill-aqwa riċetti sempliċi u speċjali; kollox frisk, bnin u rħis! Kull klassi kellha l-prefett tagħha, wieħed minna magħżul għal xi żmien biex iżomm l-ordni fostna imma bosta mill-qassisin għalliema tagħna kienu joħorġu magħna, jieklu l-kolazzjon u forsi jagħtu xi xutt ukoll.

Ix-Xagħra kienet tkun ħuġġieġa blu waħda, minħabba l-ġlekk tal-uniformi u, fi dħul is-sajf, kienet tkun ħuġġieġa bajda minħabba li konna nneħħuh. Filli x-Xagħra tkun tixgħel bl-għajjat ferrieħi tagħna u filli kienet taqa' ħemda li taqtagħha b'sikkina. Kien ikun wasal ir-Rettur, Dun Victor Grech. Idoqq is-suffara li, ħaġa tal-għaġeb, żgħira kemm kienet żgħira, kienet tinstema' ma' kullimkien, u l-logħob jieqaf ħesrem u kulħadd jibda miexi lejn in-naħa ta' ġewwa tax-Xagħra. Hawn ukoll kull klassi kellha l-post magħżul tagħha li konna nafuh sewwa. Nitqassmu dritti dritti f'ringieli ta' tnejn tnejn u nistennew li jmiss lilna li nerġgħu lura, bl-ordni, lejn is-Seminarju biex nissoktaw il-lezzjonijiet sas-siegħa. Dun Victor kien jistenna li jaqa' skiet perfett u ħadd, jew kważi ħadd, ma kien jissogra jibqa' jitkellem. Jekk tinqabad tgħid kelma, kont tispiċċa sospiż u kienet tkun lezzjoni għall-iskola kollha. Kienet ħaġa tal-għaġeb ukoll kif Dun Victor, ħabib kbir tagħna lkoll, kien jirnexxilu jnissel fina sens qawwi ta' dixxiplina u qies, bil-pass meqjus tiegħu, b'ħarstu mixħuta lejn l-art u mxengla la ġenba, bil-figura dritta tiegħu miexja bil-mod bejn il-fillieri mifruxin waħda ħdejn l-oħra. Meta kienet tagħmel ix-xita, kien ikollna, naturalment, nibqgħu fil-klassi jew nitlajjaw matul il-kolonni solenni li jdawru l-bitħa tas-Seminarju.

Jingħad li d-dixxiplina ma tifhimhiex meta tkun għadek żgħir u tasal tapprezzaha meta tikber u tħares lura. Imma naħseb li din kienet dixxiplina li lkoll konna nagħrfu s-siwi tagħha sa minn dakinhar. B'dan il-mod, Dun Victor mhux biss nissel fina sens ta' dmir iżda rnexxielu jagħtina r-rispett lejn il-kelma, il-ħoss u s-silenzju. Dan ir-rispett konna, imbagħad, inħaddmuh istintivament meta kien ilaqqagħna biex ikellimna u konna nisimgħuh b'attenzjoni kbira u, fuq kollox, b'fiduċja. Kellu kelma Maltija mirquma u kien jaf jaħkimha u jħaddimha biex inissel fina l-effetti tajbin li ried. Lejn Dun Victor, konna nersqu, bosta minna, fid-diffikultajiet taż-żogħżija. Hekk kienu bdew jagħmlu bosta żgħażagħ oħrajn, fosthom koppji minn Malta kollha. Mill-bqija, Dun Victor kien diġà beda jiġbed l-istima ta' kulħadd bil-messaġġ ġentili u konvint tiegħu mimli fidi, sikwiet poetiku u kommoventi. Kien jitkellem magħna minn qalbu u kien jidher li, lid-dinja tagħna, kien jafha ħafna u mill-qrib.

Balzunetta kienet tfisser ukoll is-Seminarju Maġġuri, il-post fejn tħejjew tant żgħażagħ biex saru saċerdoti. Ma' Balzunetta, mela, mess il-kleru djoċesan kollu għal bosta snin u din hi glorja oħra tagħha. Meta, imbagħad, is-Seminarju Maġġuri mar Tal-Virtù, il-Knisja ħasset li l-istess bini f'Balzunetta kellu jkun il-bini ċentrali tagħha, il-Kurja u, għalhekk, Balzunetta baqgħet, xorta waħda, prominenti. Jien preġudikat iżżejjed favur Balzunetta? Ma jistax jonqos. Hemm għext fid-dar ta' ommi u missieri, hemm studjajt sal-matrikola fis-Seminarju Minuri u hemm issoktajt l-istudji għal qassis fis-Seminarju maġġuri. U hemm iltqajt ma' wħud mill-aħjar nies li qatt kelli x-xorti nsir naf mill-qrib, mill-ġirien sal-istudenti, mis-seminaristi sħabi sas-saċerdoti u l-bqija. Min-naħa l-oħra, jien preġudikat ukoll lejn kull fejn hemm xi Balzunetta ta' tip jew ta' ieħor; kull post fejn in-nies tħabtu kontra kull xkiel biex għexu u rabbew.

# Il-Kullana tal-Ġiżimin

**Novella ta' Lina Brockdorff**



Kont ili neqridlu lil missieri biex iħallini nibda noħroġ ma' sħabi tal-klassi imma, ħej, kien strett wisq; dejjem iwieġeb li, qabel nagħlaq is-sittax, żgur li le. Fl-aħħar, wasal dak l-imbierek jum. Imma nzerta kien f'April ta' qabel l-eżamijiet tal-Livell Ordinarju. Il-ħruġ tiegħi kellu jistenna sa wara Ġunju; xahrejn li rajthom ma jridu jgħaddu qatt.

Kemm fraħt dakinhar li spiċċajna l-eżamijiet! Ħassejtni qisni għasfur li fetħulu l-gaġġa għalkemm l-aħħar kelma li widdibni biha missieri kienet li jistennieni nkun id-dar sat-tmienja u nofs. Bdejt nargumenta, fakkartu li jdum ma jidlam sad-disgħa. Kelli nagħlaq fommi għax indunajt li beda jħares lejja biċ-ċiera; bżajt li seta' jgħidli biex ma noħroġ xejn u, għalhekk, kelli nikkuntenta bil-kondizzjonijiet tiegħu: mis-sebgħa sat-tmienja u nofs, li jfisser li kelli nħalli lill-ħbiebi fit-tmienja u kwart inkella ma nkunx lura d-dar fil-ħin. Ommi ma kinitx tindaħal f'kwistjonijiet serji ta' dixxiplina bħal dawn.

Konna klikka ta' ħames tfajliet ningwalawha sew. Iltqajna l-ewwel darba fil-klassi tal-*kindergarten* u nzertajna bqajna dejjem fl-istess klassi. Wara dak l-istudju u t-tensjoni tal-eżamijiet, il-ħarġa ta' filgħaxija kienet tfisser ħafna għalina; kellna l-għatx għaliha! Erħina nidħku, qisna salt boloħ; b'kollox konna nidħku, anki jekk xi waħda minna tirrakonta xi ċajta bla sens; u l-istess jekk naqgħu fil-muta għax ħadd ma jkollu xi jgħid.

Konna nippreferu ninżlu Għar id-Dud u erħina nippassiġġaw kemm-il darba minn Qui-si-Sana sal-Fortizza u lura. Dak il-lok kien il-favorit ta' bosta żgħażagħ, kemm Slimiżi u anki mhumiex u tistenniha li mhux tfajliet biss kienu jippassiġġaw imma ġuvintur ukoll. Ngħiduha kif inhi, ma tantx kien ikun gost għalina l-bniet li kieku ma kienx hemm il-ġuvintur ukoll! U jekk taqta' kienx hemm!

Mhux l-ewwel darba li jkunu l-ġuvintur li jibdew jimbxuna imma, bla ma nipprova naħbi jdejja, ikolli nistqarr li kien hemm waqtiet meta bdejna aħna wkoll. Konna nittantawhom b'xi tbissima waqt li huma jibdew jgħaddu l-kummenti meta jkunu qrib tagħna sew: "Sinjorina tal-libsa safra!" jew, "Miss, noffrilek drink?" Qatt m'aċċettajna ebda xarba mingħandhom għalkemm xtaqna nkunu pružuntużi biżżejjed biex nagħmlu hekk. Kien hemm mitt gost hemmhekk filgħaxijiet, mhux għaż-żgħażagħ biss imma għal nies ta' kull età. Infatti, rari kont issib bank tal-ħadid vojt wara li tkun qlajt riġlejk tippassiġġa għax il-bankijiet kienu jkunu mimlijin b'nies ta' età matura. Kien hemm bħal bankarelli minn fejn stajt tixtri l-ġelati jew xi xarba kiesħa, oħrajn ibigħu l-pastizzi jew *sandwiches* waqt li kont tara wkoll irġiel bi ġwielaq ibigħu ċ-ċiċri u l-karawett u oħrajn iġennuk bil-fwieħa taqsam tal-ġiżimin li kienu jlestu midmuma f'kullani ta' ħajt oħxon.

Mela darba minnhom, ġew eżatt quddiemna klikka ġuvintur u wieħed minnhom resaq fuqi u, f'ħakka t'għajn, qegħdli kullana tal-ġiżimin madwar għonqi. Jien bqajt qisni l-iċċassata, mank irringrazzjajtu waqt li hu baqa' hemm quddiemi bi stedina: "Għandek pjaċir ... miss ... nagħmlu żewġ passi flimkien?"

Kemm kont imbarazzata! Ħassejt wiċċi jsir vampa nar u qalbi bdiet tħabbat b'ritmu mhux tas-soltu. Sħabi, li ftit qabel kien kollhom ċaċċrar, waqfu mid-daħk u sserjaw f'salt. Bdejt inħares minn waħda għall-oħra forsi ma tafx kif xi ħadd minnhom jgħinni. Imma kollu għalxejn! Baqgħu qishom statwi. Fl-aħħar, ftaħt ħalqi u għidt lill-sħabi: "Jimporta jekk inħallikom għal ftit?"

Dawk donnhom reġgħu ħadu l-ħajja; kor sħiħ ta' "Mur Charlotte ... u ħudu gost! … Oqogħdu bil-għaqal! … Tantx titbiegħdu! … Ibqgħu fejn narawkom!"

U hekk bdiet il-ħbiberija tagħna xħin tlaqna lil sħabna u morna nimxu għal rasna. Ma niftakarx sew x'għidna lil xulxin f'dawk l-ewwel ftit minuti. Kien tfajjel tampari jismu David. Li niftakar hija biss biċċa żgħira mid-diskursata li baqgħet imwaħħla f'rasi. Kien qalli: "Illejla ma nistax indum wisq għax jien ukoll irrid inkun ġewwa sad-disgħa imma, għada, jekk għandek pjaċir, nerġgħu niltaqgħu kmieni."

"Għadhom it-tmienja. Hemm għalfejn tmur id-dar siegħa qabel?"

"Għandek raġun imma jien ma noqgħodx Tas-Sliema. Irrid ninżel l-Imsida."

"Karozzi tal-linja hawn kemm trid; żgur li ma jdumux siegħa biex iwassluk id-dar."

"Sewwa qed tgħid!" Waqaf hemm, ħsibt li bidel fehmtu sa ma kompla bi ftit tlaqliq, "Għax, biex ngħidlek il-verità, kulma kelli sikspens u nfaqtu biex xtrajtlek il-ġiżimin!"

"Jiddispjaċini li lanqas jien m'għandi ħlief tliet soldi." Hekk konna dak iż-żmien tal-bidu tal-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor. Missieri kien jagħtini tliet soldi, li dejjem inżommhom fuqi biex, fil-każ li jinqalagħli xi ħaġa,

inkun nista' nċempel minn xi ħanut. Ma tantx kien hawn flus fl-idejn dak iż-żmien; jiem ta' għaks u eluf jemigraw lejn l-Awstralja u l-Kanada.

Meta sarli l-ħin biex nidħol id-dar, bdejt nirrealizza li kelli problema jekk nidħol b'dik il-kullana tal-ġiżimin madwar għonqi. Qlajtha u, bil-ġiri, deffistha f'borża tal-ġilda li kelli f'idi. Dħalt fit-tmienja u nofs preċiżi. Sibt lil missieri fl-intrata jirregola arloġġ antik tal-pendlu li kellu d-drawwa jmur lura ħames minuti kuljum. Sellimtlu u bqajt tiela' sal-kamra tiegħi biex infittex neħles minn dak il-ġiżimin li poġġejt fil-kexxun tat-twaletta. Tgħidx kemm domt ngħożżu għalkemm, sa wara ftit sigħat, beda jitlef il-lewn krema delikat tiegħu u beda jismar sa ma sar lewn iċ-ċikkulata. Imma xorta żammejtu u bqajt ngħożżu.

Għax jien u David sirna ninħabbu. Kien l-ewwel namrat li kelli u kont mitlufa warajh. Lil ommi kont għedtilha bih sa mill-ewwel lejla għax dik kienet tirraġuna u turi li tieħu pjaċir li naqsam magħha dak li, għal missieri, kont inżomm sigriet.

Għaddew sentejn u jien u David bdejna naħsbu dwar l-għerusija billi hu kellu impjieg tajjeb ma' missieru f'ħanut tad-drappijiet waqt li jien kont għalliema fi skola privata.

Kien hawn ġenn fost l-irġiel biex jixtru xi karozza wżata jew mutur. David tħajjar għal mutur u jien qalbi għamlet tikk. Xejn ma kelli grazzja magħhom. L-istess ħsejjes tagħhom kienu jwerwruni. David irraġuna li, bil-mod, ifaddal u jpartat il-mutur ma' karozza; imqar jekk ma tkunx ġdida.

"Ara, kemm qed niffranka ħin bih; nasal ħdejk fi ftit minuti mill-Imsida." Kieku kellu raġun! Jaħasra, ma tantx gawdih il-mutur għax, jum t'April, kienet raxxa xita, skiddja u spiċċa tar minn fuqu. Id-daqqa li ħa fuq rasu kienet serja tant li l-aħbarijiet qalu li kien qed jilgħabha mal-mewt. Baqa' ma ġiex f'sensih għalkemm il-professur qal li, xi drabi, pazjenti bħalu ġieli jgħaddilhom; anki wara żmien twil. Addijo l-ħolm tal-għerusija u addijo l-karozza li kellu f'rasu jixtri. Ħajti nqalbet ta' taħt fuq; mhux tiegħi biss imma taż-żewġ familji tagħna. Ġejjin u sejrin l-isptar dejjem bit-tama li naraw xaqq ta' dawl jew, forsi xi darba, nilmħu xi moviment, ċkejken kemm hu ċkejken, fuq wiċċ David.

Il-professur li kien jieħu ħsiebu kien qed jagħmel minn kollox għal David, saħansitra pprova t-terapija tal-mużika għax qal li spiss tirnexxi. Ippruvajna wkoll insejħulu kull ftit minuti li nkunu ħdejh. Kollu għalxejn! Wasal Ġunju, ix-xahar tal-ġiżimin u, darba minnhom, ġietni idea. Ma konna noħdulu xejn bħala ikel jew xorb imma, dakinhar, mort u, f'pakkett ċkejken, ħadt miegħi ftit ġiżimin frisk.

Inzerta kien preżenti l-professur u, malli wrejtu l-idea tiegħi, tbissem u ħarrek ftit rasu. "Agħmel int," qalli; "ippruvajna kulma stajna. Nippruvaw din ukoll; m'għandniex x'nitilfu!"

B'idejja jirtogħdu, ressaqt il-ġiżimin qrib wiċċ David u, tiskanta, imma, wara ftit sekondi, rajna moviment żgħir f'għajnejh magħluqin! Minn dak il-ħin stess, David beda ġej 'l quddiem!

## Żewġ minuti kollox

### F'żewġ minuti, anzjan attiv jirrakkonta żewġ ċajtiet

**Ta' kuraġġ it-tifel!**
Raġel daħal għand dentist u staqsieh: "Dott, kemm tiċċarġja biex taqla' darsa?"
"Mitt ewro bil-loppju u ħamsin ewro mingħajr loppju," qallu d-dentist.
"Sewwa wisq," wieġbu r-raġel, "nagħmluha mingħajr loppju."
"Kemm int kuraġġuż, sieħbi!" qallu d-dentist.
"Jien hekk magħmul," qallu r-raġel. Imbagħad sejjaħ lill-mara u qalilha: "Kollox sew; irranġajtlek! Issa oqgħod bilqiegħda hawn, iftaħ ħalqek beraħ u oqgħod brava, ta!"
Żewġ anzjani jilħqilhom
Ċensu u Karmena, żewġ anzjani ta› tmenin sena, marru għand spiżjar u staqsewh: «Għandek pilloli tal-pressjoni?"
„Dażgur li għandi!" wiegeb l-ispiżjar.
"U tal-kolesterol, ukoll?"
"Iva, mela le!" reġa' l-ispiżjar.
"U taz-zokkor insibulek?"
"Ukoll!"
"U tal-artrite u tax-xjatka?"
"Iva!" infaqa' tal-ħanut. "Isma', nista' nkun naf x'pilloli tridu?" staqsiehom l-ispiżjar li beda jitlef sabru.
"Le, le," qalulu; "Proprjament, għalissa, ma rridu xejn imma aħna ser niżżewġu u ġejna naraw nistgħux nagħmlu l-wedding list għandek!"



# Miċeli l-landier

**Kitba ta' Franky Piccinino**

Kemm-il darba smajna lil min jgħid li qed ngħixu f'dinja konsumista? Illum, hawn il-kumditā; kollox bil-*mass production*; kollox ippreparat fil-pakketti; kollox lest, frisk, ġdid u tal-aħħar moda. Titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol flimkien ma' zviluppi kbar fil-mezzi tal-produzzjoni tal-massa u l-kompetizzjoni fis-suq irrendew il-ħajja fejn iktar jaqbillek tarmi u tixtri l-ġdid milli toqgħod issewwi. Imma mhux minn dejjem konna hekk tafux. Aħna niftakru żmien meta oġġett, qabel jiddeterjora u jispiċċa għalkollox, ma konniex narmuh. Mur ġib lin-nanna Lużar tarana nixbgħu minn oġġett meta jkun għadu kważi ġdid u niskartawh! Kemm kienet tgħid, "X'għarukaża," u "x'ħela," u "x'vergonja!"

Dwar il-ħela, ommi kienet tgħid li lanqas ix-Xitan ma jridha! Daqshekk kienu ffissati kontra l-ħela ommijietna u missirijietna. Kien żmien meta l-kelma ħela ma kinitx fil-vokabularju tagħhom; żmien li fih, tista' tgħid, ma kien jintrema kważi xejn. Jekk tiċċarratlek libsa jew il-qalziet, in-nanna Lużar kienet tagħmillek roqgħa, jew tnejn. Min jista jgħid kemm raqqgħet kalzetti u peduni f'ħajjitha n-nanna Lużar? Jekk jiżloga siġġu, tih lil xi mastrudaxxa u jissodahulek. Jekk jinfetaħlek il-pett taż-żarbun, ħudu għand Saver l-iskarpan jew għand il-Kappillanu u, bi ftit soldi taċċi tal-qrieq u naqra kolla tajba li kapaċi tgħaqqadlek ruħek ma' ġismek, kienu jagħtuh ftit tax-xhur oħra ta' ħajja ġdida. Lanqas il-ħwejjeġ u ż-żraben li ma jibqgħux jiġuk ma kienu jintremew imma kien jirithom xi ħadd minn ħutek jew mill-kuġini. U mela tarmihom! Ġej b'tarmihom! Min jisimgħek tgħid! X'kull waħda wkoll! Mel' aħna l-flus qed insibuhom barra?

Naturalment, il-ħtieġa għat-tiswijiet kienet iġġib magħha għadd ta' snajja u xogħlijiet li, illum, tista' tgħid, għebu għalkollox. Niftakar, pereżempju, lil dak li kien isinn is-skieken u l-imqassijiet. Kien ikollu rota mdaqqsa, jgħidulha mogħla, magħmula minn ġebla speċjali, li kien idawwarha permezz ta' pedali b'saqajh u erħilu jsinn is-skieken tad-djar u tal-biċċiera flimkien mal-imqassijiet tan-nies inġenerali u tal-ħajjatin inpartikolari. Imma, l-aktar li niftakar huwa lil Miċeli l-landier. Forsi għax għamel snin twal jarma fit-triq tagħna, ftit 'il fuq minn fejn konna noqogħdu aħna. Jew, forsi, għax tant kien jaffaxxinani kull darba li kont nieqaf quddiemu narah jaħdem.

Miċeli l-landier kien raġel x'aktarx imdaħħal fiż-żmien. Ma kienx mill-Belt. Kont nismagħhom jgħidu li kien minn Tas-Sliema. Imma kuljum, kull filgħodu, minbarra nhar ta' Ħadd, kien jaqsam bil-lanċa, jew jiġi b'tal-linja (jekk mhux, saħansitra, bil-mixi wkoll) jinżel it-triq tagħna, Triq l-Isptar il-Qadim, u jintasab f'bieb ta' kerrejja taħt il-Kamrata, erba' bibien 'il fuq minna. Tistaqsunix x'kien jismu għax ma nafx. Kulħadd kien jirreferi għalih bħala Miċeli l-landier. Li naf żgur hu li kien jasal ħdejna bi xkora fuq dahru li fiha kien iġorr dak kollu li kien ikollu bżonn għall-mestier tiegħu. Tistħajlu *Mary Poppins* għax, minn dik in-naqra ta' xkora, kien joħroġ banketta żgħira, biex joqgħod bilqiegħda fuqha, spiritiera tal-i*steam*, biex fuqha jżomm issaldatur dejjem jikwi, xi biċċtejn folji tal-landa u tar-ramm aħmar imremblin, biex minnhom jaqta' l-biċċiet li kien jeħtieġ għat-tiswijiet li kien jagħmel, vireg tal-istann, xi erba' biċċiet għodda li kien jeħtieġ għax-xogħol tiegħu bħal, pereżempju, kumpass b'żewġ ponot tal-ħadid, biex jimmarka ċ-ċrieki, puntell, martell, tnalja, xi żewġ limetti u anki flixkun bl-ispirtu tal-melħ biex bih inaddaf il-post fejn ikun ser jistanja għax, jekk ma jnaddafx sew, l-istann ma jeħilx u jerġa' jinqalagħlu.

Ta' tifel kurjuż li kont, spiss kont nieqaf quddiemu ħalli nara x'inhu jagħmel. Qatt ma qalli xejn u kien jibqa' mehdi fuq xogħlu daqslikieku ħadd ma kien qed iħares lejh. Kien isewwi u jsodd it-toqob ta' kull oġġett tal-metall li, miegħu, jeħel l-istann, bħal, ngħidu aħna, borom, kziezel, stanjati, ktieli, friskaturi tal-enamel u anki xi banju taż-żingu. Mhux l-ewwel darba li kienu joħdulu xi reċipjent tal-metall imsaddad mill-qiegħ u Miċeli kien jaqtgħu pulit pulit, jirfinah u jagħmillu qiegħ ġdid tal-landa. Xejn ma kien jeħlisha minn taħt idejn Miċeli l-landier. Ġieli anki ta' taħt is-sodda spiċċa f'idejh biex isoddlu xi toqba ħalli ma jibqax jagħmel l-ilma. Xogħol partikolari spiss rikjest minn Miċeli l-landier dak iż-żmien kien li jittrasforma bott tal-ħalib fi speċi ta' *mug* li tista' tixrob minnu. Kien jaqtagħlu l-għatu ta' fuq b'*tin-opener*, iwittilu x-xfarijiet biex ma taqtax xuftejk meta tixrob minnu u ma taqtax idejk meta taħslu, iwaħħallu maqbad tal-landa forma ta' widna mal-ġenb imnejn tkun tista' taqbdu u, min ma kellux tazzi u kikkri biżżejjed għal uliedu kollha, kien jisqihom it-te jew il-kafè fil-bott li kien jimprovizzalu Miċeli l-landier.

Kif għidtilkom diġà; kien żmien ieħor; żmien li, fih, konna nagħmlu affarijiet li llum lanqas biss noħolmuhom, aħseb u ara kemm nagħmluhom. Imma, fl-istess ħin, kien żmien sabiħ ukoll għax il-ħajja kienet iktar sempliċi u konna nikkuntentaw u napprezzaw id-daqsxejn li kellna. Ngħid għalija, kien żmien li jien ma nista' ninsa qatt għax kien iż-żmien tat-tfulija tiegħi; żmien meta Miċeli l-landier kien jaqla' l-ħobża ta' kuljum billi jsodd it-toqob bl-istann.

# The accident

**A story by Liz Bajada**

The alarm clock rang at six o'clock as usual. Jane slowly took her hand out from under the bed sheets and pressed the snooze button. It was only after what she thought were just five minutes that she looked at the clock again and saw that it was already seven o'clock. She jumped out of bed, quickly washed her face and teeth, put on the suit that, luckily, she had laid out on the chair the previous night and dashed out of the house. As this was an important day, she had to be at the office by eight. The company auditors were expected to start their annual scrutiny and, as she was the Financial Manager's Secretary, she had to be there to greet them.

To add insult to injury, she knew that, besides her boss, Mr. Walker, she was the only one to have the keys to open the premises for the staff as well as a key to the safe where the documentation required by the auditors was kept. "This was going to be very embarrassing," she anxiously thought. This was her first year in this job and she would have liked to make a good impression as, most probably, this would have meant a salary increase. "Just my rotten luck," she grumbled.

She did not own a car and she knew only too well that the public transport took about an hour to see her to the office. Tony, an office colleague, usually passed her way and he, very kindly, looks out for her to see whether she is waiting at the bus stop. However, she also knew that, today, she had missed him and that she was going to be hopelessly late.

By now she was running down the street to catch a bus. It was some five minutes before one came lumbering up the road. Slowly, it grinded to a halt. To Jane, it seemed as though the passengers were dragging their feet on purpose; just to tease her. She found a seat near a window while, taking its time, the heavy vehicle slowly continued its journey. "Why did I have to get up late; today of all days? If only I got up a bit earlier; I would have had a lift with Tony."

The bus continued its journey, much too slowly for Jane's liking. It was half past eight by the time she got to the office. As she had forecasted, the staff were waiting at the door of the office. She put on a brave face, walked past them, turned the key in the lock, walked in and switched off the alarm. Silently, the staff walked in past her with a snigger on their faces. She hated such a start to the day as, usually, it was she who normally checked the late comers.

She went to her room to start the day's work and was so upset that she did not even notice that Tony was not at his desk. She was thankful that Mr. Walker had not yet arrived. "At least, I do not have to explain to him why I was late," she mumbled. She also wondered why the



auditors had not made an appearance yet. She did not have long to wait to know why as the telephone rang and, when she picked it up, the auditors' secretary informed her that, due to unforeseen circumstances, the audit team would be calling on the morrow. Such a pleasant piece of good news this!

She went to the ladies' cloakroom, put on some make-up and, then, popped over to the kitchenette to make a cup of coffee. She had barely sat down at her desk when the phone rang again. "Hello," said a voice at the other end. "Is that Ms Jane Weaver? This is Monica from the reception desk at St Anne's Hospital. I am ringing on behalf of a Mr Sutton - Tony? – who asked me to call you to let you know that he had a traffic accident this morning. Luckily, Mr Sutton got away with some stitches and a bad headache. However, the passenger who was with him in his car - Mr. Walker - suffered multiple bruises together with a fractured arm. The doctor gave instructions that, for now, they should both remain in hospital for further observation."

Jane was shocked and dumbfounded. She thanked Monica and, slowly, put down the receiver. She had to stop to catch her breath as she immediately realised that it could have been herself sitting in that passenger seat. All the way on the bus, she had complained, over and over again, that she was a very unlucky person as, her waking up late, was going to have repercussions on her career. Now she thought otherwise.

Later on, she learnt that, as Mr. Walker's car had failed to start, he had phoned Tony to give him a lift. The accident occurred shortly before they arrived at the office. Tony had, somehow, lost control of the car when the brakes failed to function. He had tried to avoid a collision with a car coming out from a side street but, unfortunately, the passenger side got the brunt of the collision. While she was very sorry for both Tony and Mr. Walker, she was well aware that, that extra hour in bed, had, probably, saved her from a very bad accident.




# TISLIBA Nru.109

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Kmandant Tork li nqatel fil-Ponta' ta' Tigne (6)
5. Enormi; Kolossali; Estensiv (6)
10. Ċinetta; Tarbux (3)
12. Kunjom aħmar Taljan (5)
14. Injam imfittex għall-ebbusija tiegħu (5)
15. Ġifen; Frejgata tal-qedem (4)
16. Amateur Athletic (1.1)
17. Isem ta' mara jew delea? (5)
19. Kontravenzjonijiet; Delinkwenzi (5)
22. Twissija ta' periklu; Tixwix (8)
24. Qasrija jew borma Ingliża (3)
25. Meta jkollok xewqa għall-ikel (6)
28. Isem ta' subborg qrib Marsamxett (5)
31. Ħlieqa; Ġrajja mhix vera (5)
33. Din tithanżer (7)
35. Hadt dak li mhux tiegħi (5)
37. L-inizjali tal-pittur Anton Inglott (1.1.)
38. Totalita' tal-ħaġa – kollha kif inhi (6)
39. Viċi – Parroku – Kappillan (5)

**Weqfin:**
2. Dritt loġiku, jedd bla tgħawiġ (5)
3. Kunjom l-iskultur tal-istatwa ta' San Pawl tal-Belt (4)
4. Tnax (7)
6. Fejn hemm ir-Rotunda (5)
7. Xkubetta tal-kaċċatur (6)
8. Denb il-far; Isem raħal Għawdxi (6)
9. Ta' qalb ħażina; Kiefer; Inuman (6)
11. Epoka; Stadju; Perjodu ta' żmien (3)
13. Għaddew minn operazzjonijiet (7)
18. Oħt missieri (4)
20. Ovazzjoni; Ċapċip (7)
21. Grokk żgħir Ingliż (3)
23. Amoruż; Eżotiku; Kollu ħolm (9)
26. Fastidjati; Ittedjati (6)
27. Laħlaħ; Iffriska; Xarrab (6)
29. Stat Amerikan l-aktar kiesaħ (6)
30. Diminuttiv ta' baħar għadira (6)
32. Nofs Arazza! (3)
34. Tjur tal-Priża (5)
36. Stenbaħ (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' Ð10.
Il-Premju għat-tisliba numru 108 ntrebħet mis-Sinjura A. Mifsud, G'Mangia. **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-**ħarġa **numru 108**

MIMDUDIN: 1 krafes, 5 assisi,10 lil,12 volum,14 uriku,15 torn,16 av,17 iprem,19 nobis, 22 notarili, 24 usa, 25 bsartu, 28 grass, 31 etern, 33 muletti, 35 tazez, 37 sa, 38 laqqat, 39 vroma.
WEQFIN: 2 rużar, 3 felu, 4 sulivan, 6 salmi, 7 idjoma, 8 surtun, 9 avukat, 11 ira, 13 marella, 18 qsar, 20 buskett, 21 isa, 23 regolatur, 26 użanza, 27 sammar, 29 sliema, 30 pendil, 32 nlz, 34 tmiem, 36 est.


BONNICI'S PRESS Est.1924
Digital & Offset Printing
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 2122 4607 - 2122 8138
Mob: 99870603
E-mail: emibonnici@gmail.com

Emi Bingo Sheets
Tel: 2122 8138 Mob: 9987 0603


# San Valentinu u Ħal Balzan



**Kitba ta' Martin Morana**

Kulħadd sema' b'San Valentinu, il-qaddis patrun tal-maħbubin. Ta' kull sena, f'jum l-14 ta' Frar, tara bosta nies jiġru 'l hawn u 'l hemm, bil-bukketti tal-fjuri f'idejhom, bżieżaq forma ta' qalb u, fil-ħwienet, ħafna nies jixtru l-kartolini biex iwaħħluhom ma' xi rigal. Imma ftit li xejn huma dawk li jaħsbu daqsxejn dwar min kien tassew San Valentinu. Apparti l-ftit fatti li nafu dwaru, hemm ukoll bosta leġġendi u anki tgħawwiġ ta' fatti dwar dan il-persunaġġ storiku.



Skont sorsi ta' bosta awtoritajiet ekklesjastiċi, għandna nifhmu li kien hemm aktar minn San Valentinu wieħed. Dak li għalih hu ddedikat Jum il-Maħbubin kien tabib u saċerdot minn Ruma li nqatel mill-Imperatur Ruman Klawdju Gotikus fl-14 ta' Frar tas-sena 270. Però, hemm mal-ħmistax-il qaddis ieħor b'dan l-istess isem, fosthom waħda li kien jisimha Valentina. Huwa possibbli wkoll li San Valentinu ta' Ruma hu l-istess San Valentinu, isqof ta' Terni, belt li tinsab sittin mil 'il bogħod minn Ruma. F'din il-belt, inbniet bażilika ddedikata għal San Valentinu. Hawn min jgħid li San Valentinu ndifen hemm imma oħrajn jgħidu li kien midfun f'waħda mill-katakombi ta' Ruma. Fl-istess ħin, l-Irlandiżi jiftaħru li San Valentinu ndifen l-Irlanda.

Kienu minn kienu dawn il-Valentini kollha, il-festa kienet ġiet stabbilita li ssir fl-14 ta' Frar mill-Papa Ġelasju fis-sena 496. Ta' min wieħed jgħid ukoll li, fl-1969, il-Knisja Kattolika neħħiet lil dan il-qaddis mill-kalendarju lituġiku minħabba li hemm bosta inċertezzi dwaru. Minkejja dan, San Valentinu xorta waħda baqa' rikonoxxut bħala qaddis.



Hemm għadd ta' leġġendi li jitkellmu dwar ir-raġuni għala San Valentinu ntagħżel bħala l-qaddis patrun tan-namrati. Hemm leġġenda ħelwa li tgħid li, meta kien il-ħabs jistenna s-sentenza tal-mewt, San Valentinu fejjaq it-tifla ta' kalzrier u anki kitbilha ittra. Fl-ittra, dan il-qaddis iffirma, Valentinu tiegħek. Storja oħra tgħid li, bil-moħbi, San Valentinu kien iżewweġ 'il koppji żgħażagħ li, skont il-liġi tal-Imperatur Claudius, ma setgħux jiżżewġu ta' età żgħira.

Id-drawwa li l-maħbubin jiċċelebraw San Valentinu ilha ġejja minn żmien il-Medjuwevu; kemm fl-Ingilterra kif ukoll fi Franza. Jum l-14 ta' Frar intagħżel minħabba li dan kien żmien qrib ir-rebbiegħa meta l-għasafar jibdew jinnamraw. Din l-osservazzjoni jagħmilha anki l-poeta magħruf Ingliż, Geoffrey Chaucer li, f'poeżija tal-1375, kiteb: "*For this was on St. Valentine's Day, when every bird cometh there to choose his mate.*" Kien fis-seklu dsatax li bdiet l-użanza li, f'dan il-jum, jintbagħtu noti ta' mħabba bejn il-maħbubin. Għall-ħabta tal-1840, l-Amerikana Esther Howland, bdiet tbigħ kwantità ta' kartolini magħmulin apposta għal dan il-jum. Kienu speċi ta' tpinġijiet imżejnin bil-bizzilla u b'xi ċoff magħmul mill-kurdiċella. Illum, huwa maħsub li, mad-dinja kollha, jinbiegħu madwar mija u ħamsa u erbgħin miljun kartolina ta' San Valentinu kull sena.

Malta wkoll għandha s-San Valentinu tagħha għax, f'Ħal Balzan, hemm meqjum il-korp sant ta' dan il-qaddis. Dan kien inġieb f'Malta fl-1784 mill-Kanonku Kapitulari, Mons. Lorenzo Grech Delicata, li kien minn Ħal Balzan. Fl-1820, dan il-kanonku ddeċieda li jirregala l-korp sant ta' San Valentinu lill-knisja parrokkjali tar-raħal tiegħu u, illum, insibuh fuq l-altar ta' San Mikiel.

Meta dan il-korp sant kien espost għal qima fil-knisja parrokkjali, bil-mod il-mod, id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kibret. B'hekk, insibu li, għal-ewwel darba, fl-1825, tifel kien issemma Valent, għal dan il-qaddis. Imbagħad, fl-1828, tarbija oħra ngħatat l-isem ta' Valentinu. Aktar m'għadda ż-żmien, id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kompliet tikber speċjalment fl-1837 meta l-Papa għadda digriet li kien jgħid li, f'nhar San Valentinu, tintrebaħ indulġenza plenarja. Fl-1861, f'din il-parroċċa bdew jitqassmu labtijiet bl-immaġini ta' San Valentinu u, fl-1876, kien hemm sitt itrabi li ngħataw dan l-isem.

Biż-żmien, id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kibret sew u, bħalma beda jiġri f'bosta rħula oħrajn fl-istess seklu, kien hemm min wera l-ħerqa li, flimkien mal-festa li ssir fl-istess parroċċa lill-Madonna tal-Lunzjata, tibda ssir ukoll festa f'ġieħ dan il-qaddis. Sal-1857, minn sempliċi għasar, quddiesa kantata u paniġierku li saru fl-1835, l-affarijiet kibru sew; aktar u aktar meta beda jsir il-ġbir ta' fondi għal dan il-għan.



Il-festa bdiet tkun iċċelebrata fl-ewwel jiem ta' Ġunju meta kien ikun hemm anki xi banda żgħira ddoqq. Infatti, fl-1874 kien mistieden is-Surmast magħruf, Paolo Nani, biex jidderiġi l-banda. Beda wkoll isir xi logħob tan-nar. Biss, bħalma kienet l-użanza dak iż-żmien u sas-snin sebgħin tas-seklu għoxrin, dawn il-festi sekondarji dejjem kienu sottomessi għal livell iktar dgħajjef biex ma jilħqux il-kobor tal-festi ewlenin tar-raħal jew tal-belt. Illum, din il-festa hija t-tieni festa ċċelebrata f'dan ir-raħal u San Valentinu għadu meqjus bħala wieħed miż-żewġ qaddisin patruni ta' Ħal Balzan.

Fl-aħħar nett, huwa interessanti li, apparti li hu meqjus bħala l-qaddis patrun tal-maħbubin, San Valentinu jżomm ukoll it-titlu ta' protettur ta' dawk li jrabbu n-naħal. Tgħid dan għax, fiż-żewġ każijiet, hemm ċans li taqla' xi tingiża; tal-ewwel b'mod emozzjonali u tat-tieni b'mod fiżiku? Imma, apparti ċ-ċajt, barra minn hekk, San Valentinu huwa wkoll il-qaddis protettur ta' dawk li jbatu mill-epilessija.

# Pitturi famużi

**Kitba ta' Vincent Piccinino**



*Self portrait, 1903, Tate Gallery, Londra*

**Camille Pissarro 1830 – 1903**

Camille Pissarro, pittur Impressjonist u Neo-Impressjonist, Daniż-Franċiż, twieled fl-10 ta' Lulju 1830. L-importanza tiegħu tistrieħ fuq il-kontribut kbir li ta, kemm lill-Impressjoniżmu kif ukoll lill-Post-Impressjoniżmu.

Għall-bidu, il-pitturi tiegħu kienu jikkonformaw mal-i*standards* ta' dak iż-żmien u, b'hekk, setgħu jkunu esebiti fil-*Paris Salon*. Dan kien il-korp uffiċjali li t-tradizzjonijiet akkademiċi tiegħu kienu jiddettaw x'kien aċċettabbli u x'ma kienx. Il-*Paris Salon* kien importanti ghax, tista' tgħid, kien l-uniku post fejn artisti żgħażagħ setgħu jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom.

Dak iż-żmien, il-kritiċi tal-arti kienu japprezzaw biss suġġetti sagri, storiċi jew mitoloġiċi, f'suriet u f'qagħdiet klassiċi, nobbli, trijunfali u idealisti.



*Two young peasant women, 1891, Met. Mus, NY*

Fl-1859, Pissarro għamel ħbieb ma' għadd ta' artisti aspiranti, fosthom, Claude Monet u Paul Cézanne. Li kien jgħaqqadhom flimkien kien in-nuqqas ta' qbil tagħhom mar-restrizzjonijiet imposti fuqhom mill-*Paris Salon*. Pissarro u shabu riedu jpinġu l-bniedem komuni f'qagħdiet naturali ta' kuljum mingħajr ħafna pożi u sinifiteti.

Fl-1863, kważi l-pitturi kollha ta' dan il-grupp kienu rifjutati għall-wiri mill-*Paris Salon* u, minflok, l-Imperatur Napuljun III ordna li dawn jitpoġġew f'sala tal-wiri separata, imsejħa *Salon des Refusés*. Meta faqqgħet il-gwerra Franco-Prussjana, fl-1870, Pissarro ħtieġlu jitlaq minn Franza. Mar Norwood, dak iż-żmien, villaġġ żgħir fit-tarf ta' Londra, fejn għamel kuntatt ma' Claude Monet, li wkoll kien Londra. It-tnejn kienu jaqblu li x-xogħlijiet ta' Joseph Turner u ta' John Constable jikkonfermaw it-twemmin tagħhom li, meta jpinġu barra fil-beraħ, jottjenu dehra reali ta' dawl u atmosfera; effett li ma ġġibu b'xejn jekk tpinġi fl-i*studio* biss.



*Rue St-Honoré, 1897, Madrid Museum*

Meta Pissarro reġa' lura Franza wara l-gwerra, sab li, mill-1500 pittura li kien pitter matul għoxrin sena u li kien ħalla warajh, kien fadal biss erbgħin. L-oħrajn inqerdu mis-suldati li, ħafna drabi, użawhom bħala tapit biex ma jħammġux iż-żraben bit-tajn meta jkunu fl-apert. Pissarro reġa' stabbilixxa l-ħbiberija tiegħu ma' Cézanne, Monet, Manet, Renoir u Degas. Magħhom, stqarr l-opinjoni tiegħu li għandu jkun hemm alternattiva għall-*Paris Salon* fejn huma jkunu jistgħu jesebixxu l-istili uniċi tagħhom mingħajr indħil u impożizzjonijiet.

Fl-1873, Pissarro waqqaf soċjetà ta' ħmistax-il artist li kienu telgħin. Infatti, lil Pissarro jsejħulu d-dekan tal-pitturi Impressjonisti, mhux biss għax kien l-ixjeħ wieħed fosthom imma wkoll minħabba l-personalità ġeneruża tiegħu. Pierre-August Renoir jirreferi ghax-xogħol artistiku ta' Pissarro bħala rivoluzzjonarju. Paul Cézanne qal: "Kien it-tieni missieri; bniedem ta' parir tajjeb; bħall-Mulej!" Infatti, Pissarro kien qisu missier mhux biss għall-Impressjonisti imma anki għall-erba' Post-Impressjonisti ewlenin, jiġifieri, Cézanne, Seurat, Gauguin u van Gogh.



*Hay harvest 1901, Nat. Gallery, Canada*

Fl-1874, il-grupp li organizza Pissarro żamm l-ewwel wirja Impressjonista tiegħu. M'għandniex xi nghidu, il-kritiċi kienu xxukkjati. Qalu li s-suġġetti tal-kwadri ta' dawn il-pitturi ġodda huma vulgari, ordinarji u mundani. Qalu li l-mod kif ipinġu jtik l-impressjoni li l-pittura tagħhom qisha mhix lesta. Insomma, lanqas l-użu tal-ilwien naturali u vivaċi m'għoġobhom.



*Le Boulevard de Printemps, 1897*

Xi whud ġieli jqisu lil Pissarro bħala l-ħallieq tal-Impressjoniżmu. Però, Pissarro aktar kien dak li għaqqadhom flimkien u li tahom pariri għaqlin għax il-veru forzagwida tal-Moviment Impressjonista kien Claude Monet.

Camille Pissarro ħalla din id-dinja ġewwa Pariġi fit-13 ta' Novembru tal-1903, fl-età ta' tlieta u sebgħin sena. Matul ħajtu, ftit biegħ kwadri imma, fis-seklu wieħed u għoxrin, il-kwadri tiegħu qed iġibu l-miljuni. Fi Frar tal-2014, il-pittura tiegħu, *Le Boulevard de Montmartre, Matinée de Printemps,* tal-1897, inbiegħet f'irkant għal kważi għoxrin miljun lira Sterlina.